**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel*

**2018/0172(COD)**

5.9.2018

# EMENDI
# 223 - 526

**Abbozz ta' rapport**
**Frédérique Ries**
(PE623.714v01-00)

Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent

Proposta għal direttiva
(COM(2018)0340 – C8-0218/2018 – 2018/0172(COD))

**Emenda 223**
**Margrete Auken, Tilly Metz**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-għan ta' din id-Direttiva huwa li timpedixxi u tnaqqas l-impatt ***ta' ċerti prodotti*** tal-plastik fuq l-ambjent, b'mod partikolari ***l-ambjent*** akwatiku, u fuq is-saħħa tal-bniedem kif ukoll biex tiġi promossa t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari ***b***'mudelli tan-negozju**,** prodotti u materjali ***innovattivi***, u b'hekk tikkontribwixxi wkoll għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern. | L-għan ta' din id-Direttiva huwa li timpedixxi u tnaqqas l-impatt tal-plastik fuq l-ambjent, b'mod partikolari ***fl-ambjent*** akwatiku ***u terrestri***, u fuq is-saħħa tal-bniedem kif ukoll biex tiġi promossa t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari ***mhux tossika billi jitnaqqas il-konsum ta***' ***prodotti li jintużaw darba biss, u billi jiġu promossi*** mudelli tan-negozju ***sostenibbli u innovattivi u*** prodotti u materjali ***riutilizzabbli mhux tossiċi***, u b'hekk tikkontribwixxi wkoll għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*The overall aim of this Directive should be to prevent impact on the environment as a whole, including terrestrial environment. Estimates show that terrestrial microplastic pollution may be 4-23 times higher than marine microplastic pollution. In alignment with the waste hierarchy, the key priority measure should be to prevent the use of single-use products, and second to promote reusability of products.https://www.unenvironment.org/news-and-stories/story/plastic-planet-how-tiny-plastic-particles-are-polluting-our-soilhttps://www.sciencedaily.com/releases/2018/02/180205125728.htm*

**Emenda 224**
**Lynn Boylan, Younous Omarjee, Kateřina Konečná**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-għan ta' din id-Direttiva huwa li timpedixxi u tnaqqas l-impatt ***ta' ċerti prodotti*** tal-plastik fuq l-ambjent, b'mod partikolari l-ambjent akwatiku, u fuq is- | L-għan ta' din id-Direttiva huwa li timpedixxi u tnaqqas ***b'mod sinifikanti*** l-impatt tal-plastik fuq l-ambjent, b'mod partikolari l-ambjent akwatiku, u fuq is- |

| | |
|---|---|
| saħħa tal-bniedem kif ukoll biex tiġi promossa t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari b'mudelli tan-negozju, prodotti u materjali ***innovattivi, u b'hekk tikkontribwixxi wkoll għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern***. | saħħa tal-bniedem kif ukoll biex tiġi promossa t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari ***mhux tossika permezz ta' tnaqqis fil-produzzjoni u l-konsum ta' plastik li jintuża darba biss,*** b'mudelli tan-negozju ***sostenibbli***, prodotti u materjali ***mhux tossiċi***. |

Or. en

**Emenda 225**
**Mark Demesmaeker**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-għan ta' din id-Direttiva huwa li timpedixxi u tnaqqas l-impatt ta' ***ċerti*** prodotti tal-plastik fuq l-ambjent, b'mod partikolari l-ambjent akwatiku, u fuq is-saħħa tal-bniedem kif ukoll biex tiġi promossa t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari b'mudelli tan-negozju, prodotti u materjali innovattivi, u b'hekk tikkontribwixxi wkoll għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern. | L-għan ta' din id-Direttiva huwa li timpedixxi u tnaqqas l-impatt ta' prodotti tal-plastik fuq l-ambjent ***li huma suxxettibbli li jintremew barra***, b'mod partikolari l-ambjent akwatiku, u fuq is-saħħa tal-bniedem kif ukoll biex tiġi promossa t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari b'mudelli tan-negozju, prodotti u materjali innovattivi, u b'hekk tikkontribwixxi wkoll għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-għan tad-Direttiva jenħtieġ li jkun ifformulat b'mod aktar wiesgħa mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni sabiex jikkunsidra reviżjoni futura.*

**Emenda 226**
**Sylvie Goddyn, Jean-François Jalkh, Joëlle Mélin**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-għan ta' din id-Direttiva huwa li timpedixxi u tnaqqas l-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent, b'mod partikolari l-ambjent akwatiku, u fuq is-saħħa tal-bniedem ***kif ukoll biex tiġi promossa t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari b'mudelli tan-negozju, prodotti u materjali innovattivi, u b'hekk tikkontribwixxi wkoll għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern***. | L-għan ta' din id-Direttiva huwa li timpedixxi u tnaqqas l-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik ***li jintużaw darba biss*** fuq l-ambjent, b'mod partikolari l-ambjent akwatiku, u fuq is-saħħa tal-bniedem***, speċjalment minħabba l-abbandun intenzjonat tagħhom jew l-immaniġġjar ħażin tal-iskart***. |

Or. fr

**Emenda 227**
**Massimo Paolucci, Guillaume Balas, Jytte Guteland, Simona Bonafè, Carlos Zorrinho, Miriam Dalli**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-għan ta' din id-Direttiva huwa li timpedixxi u tnaqqas l-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent, b'mod partikolari l-ambjent akwatiku, u fuq is-saħħa tal-bniedem kif ukoll biex tiġi promossa t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari b'mudelli tan-negozju, prodotti u materjali innovattivi, u b'hekk tikkontribwixxi wkoll għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern. | L-għan ta' din id-Direttiva huwa li timpedixxi u tnaqqas l-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent, b'mod partikolari l-ambjent akwatiku, u fuq is-saħħa tal-bniedem kif ukoll biex tiġi promossa t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari ***mhux tossika*** b'mudelli tan-negozju, prodotti u materjali innovattivi, u b'hekk tikkontribwixxi wkoll għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern. |

Or. en

**Emenda 228**
**Mairead McGuinness**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-għan ta' din id-Direttiva huwa li timpedixxi u tnaqqas l-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent, b'mod partikolari l-ambjent akwatiku, u fuq is-saħħa tal-bniedem kif ukoll biex tiġi promossa t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari b'mudelli tan-negozju, prodotti u materjali innovattivi, u b'hekk tikkontribwixxi wkoll għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern. | L-għan ta' din id-Direttiva huwa li timpedixxi u tnaqqas l-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent, b'mod partikolari ***fuq il-ħajja u*** l-ambjent akwatiku, u fuq is-saħħa tal-bniedem ***u tal-annimali*** kif ukoll biex tiġi promossa t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari b'mudelli tan-negozju, prodotti u materjali innovattivi, u b'hekk tikkontribwixxi wkoll għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern. |

Or. en

**Emenda 229**
**Jadwiga Wiśniewska, Bolesław G. Piecha**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-għan ta' din id-Direttiva huwa li timpedixxi u tnaqqas l-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent, b'mod partikolari l-ambjent ***akwatiku***, u fuq is-saħħa tal-bniedem kif ukoll biex tiġi promossa t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari b'mudelli tan-negozju, prodotti u materjali innovattivi, u b'hekk tikkontribwixxi wkoll għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern. | L-għan ta' din id-Direttiva huwa li timpedixxi u tnaqqas l-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent, b'mod partikolari l-ambjent ***marin***, u fuq is-saħħa tal-bniedem kif ukoll biex tiġi promossa t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari b'mudelli tan-negozju, prodotti u materjali innovattivi, u b'hekk tikkontribwixxi wkoll għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kelma "marin" tintuża u tiġi approvata b'mod aktar komuni mill-kelma "akwatiku".*

**Emenda 230**
**Sirpa Pietikäinen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Din id-Direttiva għandha tapplika għall-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss ***elenkati fl-Anness*** u għall-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik. | Din id-Direttiva għandha tapplika għall-prodotti tal-plastik ***kollha*** li jintużaw darba biss u ***għall-plastik li jintuża darba biss fil-forom kollha tiegħu u*** għall-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik. |

Or. en

**Emenda 231**
**Sylvie Goddyn, Jean-François Jalkh, Joëlle Mélin**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Din id-Direttiva għandha tapplika għall-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fl-Anness u għall-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik. | Din id-Direttiva għandha tapplika għall-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fl-Anness u għall-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik ***u għat-tarpolini tal-plastik tas-serer agrikoli***. |

Or. fr

**Emenda 232**
**Massimo Paolucci, Jytte Guteland, Renata Briano, Simona Bonafè, Miriam Dalli**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Din id-Direttiva għandha tapplika għall-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fl-Anness u għall-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik. | Din id-Direttiva għandha tapplika għall-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fl-Anness u għall-irkaptu tas-sajd ***u tal-akkwakultura*** li fih il-plastik. |

Or. it

**Emenda 233**
**Sylvie Goddyn, Jean-François Jalkh, Joëlle Mélin**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) "plastik" tfisser materjal ***magħmul minn*** polimeru ***skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, li jaf ikollu addittivi jew sustanzi oħra miżjuda,*** u li jista' ***jiffunzjona*** bħala ***komponent strutturali prinċipali tal-prodotti finali, bl-eċċezzjoni tal-polimeri naturali li ma ġewx modifikati kimikament***; | (1) "plastik" tfisser materjal ***li jkun fih, bħala ingredjent essenzjali,*** polimeru ***għoli*** u li***, f'ċertu stadju tal-konverżjoni tiegħu fi prodott finali,*** jista' ***jiġi ffurmat b'deformazzjoni taħt pressjoni. L-elastomeri li jiġu ffurmati wkoll b'deformazzjoni taħt pressjoni mhumiex meqjusa*** bħala ***plastiks***; |

Or. fr

*((Ref. ISO 472:2013, 2.702 - https://www.iso.org/obp/ui/fr/#iso:std:iso:472:ed-4:v1:en))*

**Emenda 234**
**Jytte Guteland**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) "plastik" tfisser materjal magħmul minn polimeru skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, li jaf ikollu addittivi jew sustanzi oħra miżjuda, u li jista' jiffunzjona bħala komponent strutturali prinċipali tal-prodotti finali, bl-eċċezzjoni tal-polimeri naturali li ma ġewx modifikati kimikament; | (1) "plastik" tfisser materjal magħmul minn polimeru skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, li jaf ikollu addittivi jew sustanzi oħra miżjuda, u li jista' jiffunzjona bħala komponent strutturali prinċipali tal-prodotti finali, bl-eċċezzjoni tal-polimeri naturali li ma ġewx modifikati kimikament ***u kisi jew saffi, żebgħa, linka u adeżivi polimeriċi li mhumiex kapaċi jiffunzjonaw bħala komponent strutturali prinċipali tal-materjali u l-prodotti finali***; |

Or. en

**Emenda 235**
**Christofer Fjellner, Fredrick Federley, Henna Virkkunen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) "plastik" ***tfisser*** materjal magħmul minn polimeru skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, li jaf ikollu addittivi jew sustanzi oħra miżjuda, u li ***jista'*** jiffunzjona bħala ***komponent*** strutturali prinċipali tal-prodotti finali, bl-eċċezzjoni tal-polimeri naturali li ma ġewx modifikati kimikament; | (1) "plastik"***;*** materjal magħmul minn polimeru skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, li jaf ikollu addittivi jew sustanzi oħra miżjuda, u li jiffunzjona bħala ***l-komponent*** strutturali prinċipali tal-prodotti finali, bl-eċċezzjoni tal-polimeri naturali li ma ġewx modifikati kimikament ***u kisi, żebgħa, linka u adeżivi polimeriċi li mhumiex kapaċi jiffunzjonaw bħala komponent strutturali prinċipali tal-oġġetti u l-prodotti finali***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għall-finijiet ta' din id-Direttiva u biex tkun żgurata interpretazzjoni komuni mill-Istati Membri u funzjonament tajjeb tas-Suq Uniku tal-UE, il-kamp ta' applikazzjoni ta' "plastiks" jenħtieġ li jiġi ddefinit b'mod ċar sabiex jiġu evitati interpretazzjonijiet differenti f'din id-Direttiva.*

**Emenda 236**
**Annie Schreijer-Pierik**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) "plastik" tfisser materjal magħmul minn polimeru skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, li jaf ikollu addittivi jew sustanzi oħra miżjuda, u li ***jista'*** jiffunzjona bħala ***komponent*** strutturali prinċipali tal-prodotti finali, bl-eċċezzjoni tal-polimeri | (1) "plastik" tfisser materjal magħmul minn polimeru skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, li jaf ikollu addittivi jew sustanzi oħra miżjuda, u li jiffunzjona bħala ***l-komponent*** strutturali prinċipali tal-prodotti finali, bl-eċċezzjoni tal-polimeri |

| | |
|---|---|
| naturali li ma ġewx modifikati kimikament; | naturali li ma ġewx modifikati kimikament ***u kisi, żebgħa, linka u adeżivi polimeriċi li mhumiex kapaċi jiffunzjonaw bħala komponent strutturali prinċipali tal-oġġetti u l-prodotti finali***; |

Or. en

**Emenda 237**
**Lynn Boylan, Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) "plastik" tfisser materjal magħmul minn polimeru skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, li jaf ikollu addittivi jew sustanzi oħra miżjuda***, u li jista' jiffunzjona bħala komponent strutturali prinċipali tal-prodotti finali,*** bl-eċċezzjoni tal-polimeri naturali li ma ġewx modifikati kimikament; | (1) "plastik" tfisser materjal magħmul minn polimeru skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, li jaf ikollu addittivi jew sustanzi oħra miżjuda bl-eċċezzjoni tal-polimeri naturali li ma ġewx modifikati kimikament; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-funzjoni ta' prodott partikolari ma tistax tkun fattur fil-klassifikazzjoni ta' oġġett bħala plastik jew le.*

**Emenda 238**
**Michel Dantin**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) "plastik" tfisser materjal magħmul minn polimeru skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) | (1) "plastik" tfisser materjal magħmul minn polimeru skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) |

| | |
|---|---|
| Nru 1907/2006, li jaf ikollu addittivi jew sustanzi oħra miżjuda, u li jista' jiffunzjona bħala komponent strutturali prinċipali tal-prodotti finali, bl-eċċezzjoni tal-polimeri naturali ***li ma ġewx modifikati kimikament;*** | Nru 1907/2006, li jaf ikollu addittivi jew sustanzi oħra miżjuda, u li jista' jiffunzjona bħala komponent strutturali prinċipali tal-prodotti finali, bl-eċċezzjoni tal-polimeri naturali**.** |

Or. fr

**Emenda 239**
**Françoise Grossetête, Michel Dantin, Angélique Delahaye**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) "plastik" tfisser materjal magħmul minn polimeru skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, li jaf ikollu addittivi jew sustanzi oħra miżjuda, u li ***jista'*** jiffunzjona bħala komponent strutturali prinċipali tal-prodotti finali, bl-eċċezzjoni tal-polimeri naturali li ma ġewx modifikati kimikament; | (1) "plastik" tfisser materjal magħmul minn polimeru skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, li jaf ikollu addittivi jew sustanzi oħra miżjuda, u li jiffunzjona bħala komponent strutturali prinċipali tal-prodotti finali, bl-eċċezzjoni tal-polimeri naturali li ma ġewx modifikati kimikament; |

Or. fr

**Emenda 240**
**Paul Brannen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) "plastik" tfisser materjal magħmul minn polimeru skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, li jaf ikollu addittivi jew sustanzi oħra miżjuda, u li ***jista'*** jiffunzjona bħala komponent strutturali ***prinċipali*** tal-prodotti finali, bl-eċċezzjoni tal-polimeri naturali li ma ġewx modifikati kimikament; | (1) "plastik" tfisser materjal magħmul minn polimeru skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, li jaf ikollu addittivi jew sustanzi oħra miżjuda, u li jiffunzjona bħala komponent strutturali tal-prodotti finali, bl-eċċezzjoni tal-polimeri naturali li ma ġewx modifikati kimikament; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Biex jiġi speċifikat dak li qed jiġi introdott mill-premessa 8 - li meta l-polimeru ma jiffunzjonax bħala element strutturali, eż. bħala kisi biss, dak l-użu patikolari u dawk il-prodotti ma jiġux ikkunsidrati għall-fini tad-Direttiva.*

**Emenda 241**
**Massimo Paolucci, Guillaume Balas, Miriam Dalli**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) "plastik bijodegradabbli u kompostabbli" tfisser plastik li kapaċi jgħaddi minn dekompożizzjoni fiżika, kimika, termali jew bijoloġika, b'tali mod li fl-aħħar mill-aħħar jiddekomponi f'diossidu tal-karbonju (CO2), bijomassa u ilma b'mod konformi mad-Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Id-definizzjoni tirriżulta mid-Direttiva 94/62/KE, Anness II, punt 3(d).*

**Emenda 242**
**Paul Brannen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) "kisi" tfisser materjali jew oġġetti magħmula minn saff wieħed jew aktar li ma jsostnux lilhom infushom, applikati fuq materjal jew oġġett sabiex jagħtuh*** |

***karatteristiċi speċjali jew sabiex tittejjeb il-prestazzjoni teknika tagħhom.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, it-terminu "kisi" kif introdott fil-premessa 8 jenħtieġ li jkun iddefinit b'mod ċar, biex tiġi żgurata interpretazzjoni komuni ta' dak li mhuwiex kopert mid-Direttiva. Id-definizzjoni użata hija bbażata fuq id-definizzjoni ta' "kisi" fir-Regolament (UE) Nru 2018/213.*

**Emenda 243**
**Annie Schreijer-Pierik**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) "kisi" tfisser saff wieħed jew aktar li ma jsostnux lilhom infushom, immanifatturati permezz tal-plastik, kif iddefinit fl-Artikolu 3.1 ta' din il-leġiżlazzjoni, applikati fuq materjal jew oġġett sabiex jagħtuh karatteristiċi speċjali jew sabiex tittejjeb il-prestazzjoni teknika tiegħu;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għall-finijiet ta' din id-Direttiva u biex tkun żgurata interpretazzjoni komuni mill-Istati Membri u funzjonament tajjeb tas-Suq Uniku tal-UE, id-definizzjoni ta' kisi f'din id-Direttiva jenħtieġ li tiġi ddefinita b'mod ċar abbażi tad-definizzjoni diġà fis-seħħ fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/213 li jemenda r-Regolament dwar il-Plastik 10/2011.*

**Emenda 244**
**Christofer Fjellner, Fredrick Federley, Henna Virkkunen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(1a) "kisi" huwa saff wieħed jew aktar li ma jsostnux lilhom infushom, immanifatturati permezz tal-plastik, kif iddefinit fl-Artikolu 3.1 ta' din il-leġiżlazzjoni, applikati fuq materjal jew oġġett sabiex jagħtuh karatteristiċi speċjali jew sabiex tittejjeb il-prestazzjoni teknika tiegħu;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għall-finijiet ta' din id-Direttiva u biex tkun żgurata interpretazzjoni komuni mill-Istati Membri u funzjonament tajjeb tas-Suq Uniku tal-UE, id-definizzjoni ta' kisi f'din id-Direttiva jenħtieġ li tiġi ddefinita b'mod ċar abbażi tad-definizzjoni diġà fis-seħħ fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/213 li jemenda r-Regolament dwar il-Plastik 10/2011.*

**Emenda 245**
**Elisabetta Gardini, Alberto Cirio, Lorenzo Cesa, Massimiliano Salini, Stefano Maullu, Giovanni La Via**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (2) "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" tfisser prodott li huwa magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik u li ***mhuwiex maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex iwettaq, għat-tul tal-ħajja tiegħu, vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli billi jiġi rritornat għand il-produttur biex jerġa' jimtela jew biex jerġa' jintuża għall-istess skop li għalih kien maħsub***; | (2) "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" tfisser prodott li huwa magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik u li ***huwa elenkat fl-Anness għal din id-Direttiva, bl-esklużjoni ta' dawk il-komponenti li mhumiex kapaċi jiffunzjonaw bħala komponent strutturali prinċipali tal-prodotti finali, bħal kisi jew saffi, żebgħa, linka u adeżivi polimeriċi***; ***Prodotti tal-plastik bħal kikkri, tazzi, platti, kontenituri għall-ikel u x-xorb u aċċessorji relatati (eż. pożati), meta jaqgħu taħt id-definizzjoni tal-imballaġġ, huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Id-definizzjoni ma tapplikax għal prodotti tal-plastik li*** |

| | |
|---|---|
| | ***jaqbżu l-20 ċiklu komplet fil-magna domestika tal-ħasil tal-platti skont il-kundizzjonijiet ta' EN 12875-1;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda għandha l-għan li tiċċara d-definizzjoni, b'koerenza mal-emenda għall-premessa 8 u sabiex issir rabta konsistenti mad-direttiva dwar l-imballaġġ u l-kamp ta' applikazzjoni tagħha.*

**Emenda 246**
**Michel Dantin**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" tfisser prodott ***li huwa magħmul kompletament jew parzjalment*** mill-plastik u li mhuwiex maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex iwettaq, għat-tul tal-ħajja tiegħu, vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli billi jiġi rritornat għand il-produttur biex jerġa' jimtela jew biex jerġa' jintuża għall-istess skop li għalih kien maħsub; | (2) "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" tfisser prodott ***b'parti sinifikanti magħmula*** mill-plastik u li mhuwiex maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex iwettaq, għat-tul tal-ħajja tiegħu, vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli billi jiġi rritornat għand il-produttur biex jerġa' jimtela jew biex jerġa' jintuża għall-istess skop li għalih kien maħsub; |
| | ***Il-prodotti li jkun fihom biss kisi, saffi u inforri tal-plastik huma esklużi minn din id-definizzjoni.*** |

Or. fr

**Emenda 247**
**Claudiu Ciprian Tănăsescu**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" tfisser prodott li huwa magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik u li ***mhuwiex*** maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex ***iwettaq, għat-tul tal-ħajja tiegħu, vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli billi jiġi rritornat għand il-produttur biex jerġa' jimtela jew biex jerġa'*** jintuża ***għall-istess skop li għalih kien maħsub***; | (2) "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" tfisser prodott li huwa magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik u li ***huwa*** maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex jintuża ***darba biss***; |

Or. en

**Emenda 248**
**Kathleen Van Brempt, Carlos Zorrinho**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" tfisser prodott li huwa magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik u li ***mhuwiex*** maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex ***iwettaq, għat-tul tal-ħajja tiegħu, vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli billi jiġi rritornat għand il-produttur biex jerġa' jimtela jew biex jerġa'*** jintuża ***għall-istess skop li għalih kien maħsub***; | (2) "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" tfisser prodott li huwa magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik u li ***huwa*** maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex jintuża ***darba biss għal żmien qasir***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Jeħtiġilna neskludu prodotti li huma ddisinjati u mqiegħda fis-suq għal applikazzjonijiet b'tul ta' ħajja twila (bħal pajpijiet tal-plastik, ġugarelli, għamara, materjali ta' kostruzzjoni,...).*

**Emenda 249**
**Margrete Auken**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" tfisser prodott li huwa magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik u li mhuwiex maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex iwettaq, għat-tul tal-ħajja tiegħu, vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli billi jiġi rritornat għand il-produttur biex jerġa' jimtela jew biex jerġa' jintuża għall-istess skop li għalih kien maħsub; | (2) "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" tfisser prodott li huwa magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik u li mhuwiex maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex iwettaq, għat-tul tal-ħajja tiegħu, vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli billi jiġi rritornat għand il-produttur biex jerġa' jimtela jew biex jerġa' jintuża għall-istess skop li għalih kien maħsub; ***fi kwalunkwe każ, din id-definizzjoni tinkludi l-prodotti kollha kif elenkati fl-Anness għal din id-Direttiva.*** |

Or. en

**Emenda 250**
**Andrzej Grzyb**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" tfisser prodott li huwa magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik u li mhuwiex maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex iwettaq, għat-tul tal-ħajja tiegħu, vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli billi jiġi rritornat għand il-produttur biex jerġa' jimtela jew biex jerġa' jintuża għall-istess skop li għalih kien maħsub; | (2) "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" tfisser prodott ***b'tul ta' ħajja tipikament qasir u*** li ***normalment jintrema wara li jintuża għal żmien qasir, li*** huwa magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik u li mhuwiex maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex iwettaq, għat-tul tal-ħajja tiegħu, vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli billi jiġi rritornat għand il-produttur biex jerġa' jimtela jew biex jerġa' jintuża għall-istess skop li għalih kien maħsub; |

Or. en

**Emenda 251**
**Karin Kadenbach**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" tfisser prodott li huwa magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik u li ***mhuwiex maħsub, iddisinjat jew imqiegħed*** fis-suq biex ***iwettaq, għat-tul tal-ħajja tiegħu, vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli billi jiġi rritornat għand il-produttur biex jerġa' jimtela jew biex jerġa'*** jintuża ***għall-istess skop li għalih kien maħsub;*** | (2) "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" tfisser prodott li huwa magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik u li ***huwa ddisinjat u mqiegħed*** fis-suq biex jintuża ***darba biss, jew li effettivament jintuża darba biss qabel ma jintrema.*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Definizzjoni ċara u diretta ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss toħloq aktar sikurezza u ċertezza għal dawk kollha kkonċernati. Barra minn hekk, din tkopri possibbiltajiet ipotetiċi differenti: 1) Prodotti li huma ddisinjati biex jintużaw darba biss iżda li jintużaw diversi drabi 2) Prodotti li jistgħu jintużaw aktar minn darba iżda li jintużaw darba biss.*

**Emenda 252**
**Inés Ayala Sender, Clara Eugenia Aguilera García**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) "***prodott tal-plastik*** li jintuża darba biss" tfisser ***prodott li huwa magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik u li mhuwiex*** maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex ***iwettaq, għat-tul tal-ħajja tiegħu, vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli billi jiġi rritornat għand il-produttur biex jerġa' jimtela jew biex jerġa' jintuża għall-istess skop li għalih kien maħsub***; | (2) "li jintuża darba biss" tfisser maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex ***jintuża darba biss, għal perjodu ta' żmien qasir u, abbażi ta' metodoloġija armonizzata, li ġie identifikat bħala li jammonta għal proporzjon sinifikanti ta' żibel fil-baħar li jinstab fl-UE***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li jiġu ddefiniti b'mod ċar it-termini "li jintuża darba biss" sabiex tiġi evitata kwalunkwe konfużjoni fl-implimentazzjoni tad-Direttiva. Huwa importanti wkoll li d-definizzjoni ta' "li jintuża darba biss" tiġi marbuta maż-żibel fil-baħar sabiex l-oġġetti maqbuda jkunu dawk bl-akbar kontribut għat-tixrid taż-żibel. Metodoloġija armonizzata għall-identifikazzjoni ta' oġġetti li jinstabu fl-ambjent hija għalhekk essenzjali wkoll biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-UE kollha.*

**Emenda 253**
**Mark Demesmaeker**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (2) "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" tfisser prodott li huwa magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik u li ***mhuwiex*** maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex ***iwettaq, għat-tul tal-ħajja tiegħu, vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli billi jiġi rritornat għand il-produttur biex jerġa' jimtela jew biex jerġa' jintuża għall-istess skop li għalih kien maħsub***; | (2) "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" tfisser prodott li huwa magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik u li ***huwa*** maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex ***jintuża darba biss f'perjodu ta' żmien qasir qabel ma jintrema***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Definizzjoni ċara ta' "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" hija assolutament meħtieġa.*

**Emenda 254**
**Frédérique Ries**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" tfisser prodott li huwa magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik u li ***mhuwiex*** maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex ***iwettaq, għat-tul tal-ħajja tiegħu, vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli billi jiġi rritornat għand il-produttur biex jerġa' jimtela jew biex jerġa'*** jintuża ***għall-istess skop li għalih kien maħsub;*** | (2) "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" tfisser prodott li huwa magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik u li ***huwa*** maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex jintuża ***darba biss qabel ma jintrema.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tissostitwixxi l-emenda 20 imressqa mir-rapporteur fl-abbozz ta' rapport tagħha ppubblikat fl-10 ta' Lulju 2018.*

**Emenda 255**
**Anneli Jäätteenmäki, Nils Torvalds**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" tfisser prodott li huwa magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik u li mhuwiex maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex iwettaq, għat-tul tal-ħajja tiegħu, vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli billi jiġi rritornat għand il-produttur biex jerġa' jimtela jew biex jerġa' jintuża għall-istess skop li għalih kien maħsub; | (2) "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" tfisser prodott li huwa magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik***, minbarra kisi, żebgħa, linka, jew adeżivi polimeriċi,*** u li mhuwiex maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex iwettaq, għat-tul tal-ħajja tiegħu, vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli billi jiġi rritornat għand il-produttur biex jerġa' jimtela jew biex jerġa' jintuża għall-istess skop li għalih kien maħsub; |

Or. en

**Emenda 256**
**Annie Schreijer-Pierik**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" tfisser prodott li huwa magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik u li mhuwiex maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex iwettaq, għat-tul tal-ħajja tiegħu, vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli billi jiġi rritornat għand il-produttur biex jerġa' jimtela jew biex jerġa' jintuża għall-istess skop li għalih kien maħsub; | (2) "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" tfisser prodott li huwa magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik ***fejn il-plastik jiffunzjona bħala l-komponent strutturali prinċipali*** u li mhuwiex maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex iwettaq, għat-tul tal-ħajja tiegħu, vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli billi jiġi rritornat għand il-produttur biex jerġa' jimtela jew biex jerġa' jintuża għall-istess skop li għalih kien maħsub; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għall-finijiet ta' din id-Direttiva u biex tkun żgurata interpretazzjoni komuni mill-Istati Membri u funzjonament tajjeb tas-Suq Uniku tal-UE, il-kamp ta' applikazzjoni ta' "plastik li jintuża darba biss" f'din id-Direttiva jenħtieġ li jiġi ddefinit b'mod ċar sabiex jiġu evitati interpretazzjonijiet differenti.*

**Emenda 257**
**Christofer Fjellner, Fredrick Federley, Henna Virkkunen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" ***tfisser*** prodott li huwa magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik u li mhuwiex maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex iwettaq, għat-tul tal-ħajja tiegħu, vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli billi jiġi rritornat għand il-produttur biex jerġa' jimtela jew biex jerġa' jintuża għall-istess skop li għalih kien | (2) "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" ***huwa*** prodott li huwa magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik ***fejn il-plastik jiffunzjona bħala l-komponent strutturali prinċipali*** u li mhuwiex maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex iwettaq, għat-tul tal-ħajja tiegħu, vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli billi jiġi rritornat għand il-produttur biex |

| | |
|---|---|
| maħsub; | jerġa' jimtela jew biex jerġa' jintuża għall-istess skop li għalih kien maħsub; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għall-finijiet ta' din id-Direttiva u biex tkun żgurata interpretazzjoni komuni mill-Istati Membri u funzjonament tajjeb tas-Suq Uniku tal-UE, il-kamp ta' applikazzjoni ta' "plastik li jintuża darba biss" jenħtieġ li jiġi ddefinit b'mod ċar sabiex jiġu evitati interpretazzjonijiet differenti f'din id-Direttiva.*

**Emenda 258**
**Françoise Grossetête, Angélique Delahaye, Michel Dantin**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" tfisser prodott li huwa magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik u li mhuwiex maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex iwettaq, għat-tul tal-ħajja tiegħu, vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli billi jiġi rritornat għand il-produttur biex jerġa' jimtela jew biex jerġa' jintuża għall-istess skop li għalih kien maħsub; | (2) "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" tfisser prodott li huwa magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik***,*** u li ***dan jikkostitwixxi l-istruttura prinċipali tiegħu, u li*** mhuwiex maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex iwettaq, għat-tul tal-ħajja tiegħu, vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli billi jiġi rritornat għand il-produttur biex jerġa' jimtela jew biex jerġa' jintuża għall-istess skop li għalih kien maħsub; |

Or. fr

**Emenda 259**
**Paul Brannen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" tfisser prodott li huwa magħmul | (2) "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" tfisser prodott li huwa magħmul |

| | |
|---|---|
| kompletament jew parzjalment mill-plastik u li mhuwiex maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex iwettaq, għat-tul tal-ħajja tiegħu, vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli billi jiġi rritornat għand il-produttur biex jerġa' jimtela jew biex jerġa' jintuża għall-istess skop li għalih kien maħsub; | kompletament jew parzjalment mill-plastik ***fejn il-plastik jiffunzjona bħala l-komponent strutturali prinċipali*** u li mhuwiex maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex iwettaq, għat-tul tal-ħajja tiegħu, vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli billi jiġi rritornat għand il-produttur biex jerġa' jimtela jew biex jerġa' jintuża għall-istess skop li għalih kien maħsub; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Biex jiġi speċifikat dak li qed jiġi introdott mill-premessa 8 - li meta l-polimeru ma jiffunzjonax bħala element strutturali, eż. bħala kisi biss, dawk il-prodotti ma jiġux ikkunsidrati għall-fini tad-Direttiva.*

**Emenda 260**
**Lukas Mandl**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" tfisser prodott li huwa magħmul kompletament jew ***parzjalment*** mill-plastik u li mhuwiex maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex iwettaq, għat-tul tal-ħajja tiegħu, vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli billi jiġi rritornat għand il-produttur biex jerġa' jimtela jew biex jerġa' jintuża għall-istess skop li għalih kien maħsub; | (2) "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" tfisser prodott li huwa magħmul kompletament ***mill-plastik,*** jew ***li l-element funzjonali ċentrali tiegħu huwa magħmul*** mill-plastik u li mhuwiex maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex iwettaq, għat-tul tal-ħajja tiegħu, vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli billi jiġi rritornat għand il-produttur biex jerġa' jimtela jew biex jerġa' jintuża għall-istess skop li għalih kien maħsub; |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Jeħtieġ li tiġi kkjarifikata d-definizzjoni ta' prodott tal-plastik li jintuża darba biss. Permezz tal-formulazzjoni "prodott li huwa magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik", din id-definizzjoni tista' tinkludi wkoll dawk il-prodotti li l-eċċipjent tagħhom ma jkunx magħmul*

*mill-plastik, iżda li jkun fihom kisja tal-plastik irqiqa.*

**Emenda 261**
**Jytte Guteland**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" tfisser prodott li huwa magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik u li mhuwiex maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex iwettaq, għat-tul tal-ħajja tiegħu, vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli billi jiġi rritornat għand il-produttur biex jerġa' jimtela jew biex jerġa' jintuża għall-istess skop li għalih kien maħsub; | (2) "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" tfisser prodott li huwa magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik ***li jiffunzjona bħala l-komponent strutturali prinċipali*** u li mhuwiex maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex iwettaq, għat-tul tal-ħajja tiegħu, vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli billi jiġi rritornat għand il-produttur biex jerġa' jimtela jew biex jerġa' jintuża għall-istess skop li għalih kien maħsub; |

Or. en

**Emenda 262**
**Lynn Boylan, Younous Omarjee, Kateřina Konečná**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" tfisser prodott li huwa magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik u li mhuwiex ***maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex iwettaq, għat-tul tal-ħajja tiegħu,*** vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli billi jiġi rritornat għand il-produttur biex jerġa' jimtela jew biex jerġa' jintuża għall-istess skop li għalih kien maħsub; | (2) "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" tfisser prodott li huwa magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik u li mhuwiex ***probabbli li jwettaq*** vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli ***fit-tul ta' ħajja tiegħu*** billi jiġi rritornat għand il-produttur biex jerġa' jimtela jew biex jerġa' jintuża għall-istess skop li għalih kien maħsub; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Prodott tal-plastik li jintuża darba biss huwa wieħed li probabbilment jintuża bħala tali. Id-definizzjoni ta' x'inhu u x'mhuwiex "li jintuża darba biss" jenħtieġ li ma titħalliex f'idejn l-industrija li tista' targumenta li prodott huwa ddisinjat biex ikollu ħafna użi differenti iżda fir-realtà jintuża darba biss.*

**Emenda 263**
**Piernicola Pedicini, Eleonora Evi, Dario Tamburrano, Laura Agea**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) "Imballaġġ tal-plastik bijodegradabbli u kompostabbli" tfisser polimeru li kapaċi jgħaddi minn dekompożizzjoni fiżika u bijoloġika, b'tali mod li fl-aħħar mill-aħħar jiddekomponi f'diossidu tal-karbonju (CO2), bijomassa u ilma b'mod konformi mal-istandards Ewropej għall-imballaġġ rekuperabbli permezz tal-ikkompostjar u d-diġestjoni anaerobika.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-għan primarju ta' din id-Direttiva jenħtieġ li jkun il-prevenzjoni u t-tnaqqis ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss. Madankollu, fejn mhuwiex possibbli li dawk il-prodotti jiġu ssostitwiti b'alternattiva riutilizzabbli, jenħtieġ li jkunu ppreferuti prodotti bijodegradabbli u kompostabbli. Għal din ir-raġuni, aħna nipproponu li nżidu definizzjoni ta' prodotti bijodegradabbli u kompostabbli f'konformità mal-Anness II, punt 3, ittra (d) tad-Direttiva (UE) 2018/852 li temenda d-Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ.*

**Emenda 264**
**Margrete Auken**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(2a) basktijiet tal-plastik ħfief ħafna tfisser basktijiet tal-plastik ħfief ħafna bi ħxuna ta' inqas minn 15 mikroni.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Basktijiet tal-plastik ħfief ħafna jenħtieġ li jiġu ddefiniti abbażi tal-ħxuna tagħhom biss. Alternattivi huma diġà disponibbli għal ikel sfuż; għaldaqstant, mhuwiex korrett li basktijiet tal-plastik ħfief ħafna huma meħtieġa għal finijiet tal-iġjene jew għall-imballaġġ ta' ikel sfuż. Għalhekk, referenza għad-definizzjoni fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 94/62/KE mhijiex xierqa.*

**Emenda 265**
**Inés Ayala Sender, Clara Eugenia Aguilera García**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(2a) "prodott tal-plastik" tfisser prodott li huwa magħmul prinċipalment mill-plastik.*** |

Or. en

**Emenda 266**
**Paul Brannen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(2a) prodott tal-plastik agrikolu tfisser kwalunkwe biċċa materjal tal-plastik jew tagħmir użat jew imballaġġ tal-plastik ta' prodott użat bl-intenzjoni li tittejjeb il-produttività ta' żona agrikola[1a]*** |

[1a] ***żona agrikola kif iddefinita fir-Regolament (UE) 1307/2013 (jew ir-Regolament [ir-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK]).***

Or. en

**Emenda 267**
**Paul Brannen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2b) skart tal-prodotti tal-plastik agrikoli - tfisser kwalunkwe prodott tal-plastik agrikolu kopert mid-definizzjoni ta' skart fid-Direttiva 2008/98/KE*** |

Or. en

**Emenda 268**
**Massimo Paolucci, Renata Briano, Jytte Guteland, Miriam Dalli**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) "irkaptu tas-sajd" tfisser kwalunkwe prodott jew biċċa tagħmir li jintuża fis-sajd u fl-akkwakultura biex jimmira jew ***jaqbad*** riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jew li jkun f'wiċċ il-baħar u li jintuża bil-għan li jattira u jaqbad it-tali riżorsi bijoloġiċi tal-baħar; | (3) "irkaptu tas-sajd" tfisser kwalunkwe prodott jew biċċa tagħmir li jintuża fis-sajd u fl-akkwakultura biex jimmira***, jaqbad*** jew ***iżomm għat-trobbija*** riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jew li jkun f'wiċċ il-baħar u li jintuża bil-għan li jattira u jaqbad ***jew iżomm*** it-tali riżorsi bijoloġiċi tal-baħar; |

Or. it

**Emenda 269**
**Giovanni La Via**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) "Ċirku magħluq għall-ġestjoni tal-iskart tal-ikel" tfisser sistema integrata ta' ġestjoni tal-ikel f'ambjenti kkontrollati, bħal sptarijiet, canteens tal-iskola u tal-kumpaniji, avvenimenti pubbliċi u sportivi, it-trasport, billi l-irkupru tar-riżorsi u l-ġestjoni tal-iskart huma bbażati fuq il-prinċipju tal-ikkontrollar tad-dħul materjali biex jiġu mmassimizzati r-riċiklaġġ u l-irkupru ta' materjali, filwaqt li jiġi evitat ir-rimi tal-iskart. Dan jinkiseb bil-provvista, għal raġunijiet sanitarji, ta' platti, pożati, tazzi u imballaġġ kompostabbli li jintużaw darba biss, flimkien ma' infrastruttura ta' riċiklaġġ organiku u programm biex jiġu ġġenerati kompost ta' kwalità għolja u enerġija rinnovabbli.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*In a considerable number of contexts, single-use catering items are relevant and necessary, for example in closed loop systems with waste management schemes (established separate collection and mechanical and organic recycling), such as air travel, sport arenas, or open-air events. Safety and hygiene requirements need to be considered interdependently, next to several other factors. In these cases, a restriction of single-use plastics items can be of very limited to no benefit. In reference to the amendment proposed for the annex of the directive we suggest to integrate a definition of closed loop system under article 3.*

**Emenda 270**
**Massimo Paolucci, Simona Bonafè, Miriam Dalli**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) "ċirku magħluq għall-ġestjoni tal-*** |

***iskart tal-ikel" tfisser sistema integrata ta' ġestjoni tal-ikel f'ambjenti kkontrollati, bħal sptarijiet, canteens tal-iskola u tal-kumpaniji, avvenimenti pubbliċi u sportivi, it-trasport, billi l-irkupru tar-riżorsi u l-ġestjoni tal-iskart huma bbażati fuq il-prinċipju tal-ikkontrollar tad-dħul materjali biex jiġu mmassimizzati r-riċiklaġġ u l-irkupru ta' materjali, filwaqt li jiġi evitat ir-rimi tal-iskart. Dan jinkiseb bil-provvista, għal raġunijiet sanitarji, ta' platti, pożati, tazzi u imballaġġ kompostabbli li jintużaw darba biss, flimkien ma' infrastruttura ta' riċiklaġġ organiku u programm biex jiġu ġġenerati kompost ta' kwalità għolja u enerġija rinnovabbli.***

Or. en

**Emenda 271**
**Lynn Boylan, Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) "produttur" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li, irrispettivament mill-metodu ta' bejgħ użat, inklużi kuntratti mill-bogħod skont it-tifsira tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011[50], tqiegħed fis-suq prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u rkaptu tas-sajd li fih il-plastik, minbarra l-persuni li jwettqu attivitajiet tas-sajd kif definiti fl-Artikolu 4(28) tar-Regolament (KE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[51]; | (10) "produttur" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li ***timmanifattura, tipproċessa, tittratta, tbigħ jew timporta prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss jew irkaptu tas-sajd li fih il-plastik kif mifhum fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2008/98. Prodottur jista' jiġi kkwalifikat bħala tali*** irrispettivament mill-metodu ta' bejgħ użat, inklużi kuntratti mill-bogħod skont it-tifsira tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011[50], tqiegħed fis-suq prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u rkaptu tas-sajd li fih il-plastik, minbarra l-persuni li jwettqu attivitajiet tas-sajd kif definiti fl-Artikolu 4(28) tar-Regolament (KE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[51]; |

**Karl-Heinz Florenz, Giovanni La Via, Annie Schreijer-Pierik, Francesc Gambús, Birgit Collin-Langen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, b'mod konformi mal-Artikolu 16 tad-Direttiva 94/62/KE, bi kwalunkwe abbozz ta' miżuri li jippjanaw li jadottaw skont l-ewwel subparagrafu biex jippermettu lill-Kummissjoni teżaminah fid-dawl tal-funzjonament tas-suq intern.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li tiġi żgurata l-konsistenza tad-Direttiva 94/62/KE, b'mod speċjali l-Artikolu 16 (in-notifikazzjoni) u l-Artikolu 18 (il-libertà tat-tqegħid fis-suq) u din id-Direttiva meta l-imballaġġ tal-plastik li jintuża darba biss jiġi indirizzat u biex jiġi ssalvagwardjat is-suq intern għall-imballaġġ.*

**Emenda 310**
**Lynn Boylan, Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom jieħdu wkoll il-miżuri meħtieġa biex jinkiseb tnaqqis ta' 35 % sal-2025 u tnaqqis ta' 60 % sal-2030 fil-konsum tal-prodotti elenkati fil-Parti F tal-Anness, bil-linja ta' referenza msemmija hawn fuq.*** |

Or. en

**Emenda 311**
**Massimo Paolucci, Jytte Guteland, Renata Briano, Jo Leinen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Dawn il-pjanijiet għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni u għandhom jiġu aġġornati fejn meħtieġ. Il-Kummissjoni tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet dwar il-pjanijiet adottati.*** |

Or. it

**Emenda 312**
**Massimo Paolucci, Jytte Guteland, Renata Briano, Jo Leinen, Giorgos Grammatikakis**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Id-data li jippreżentaw l-Istati Membri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1)(a) sa [tliet snin wara d-data finali għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva], u li tkun relatata mas-sena ta' qabel, tikkostitwixxi l-valur referenzjarju li fir-rigward tiegħu għandu jiġi kkalkolat it-tnaqqis sinifikanti msemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu.*** |

Or. it

**Emenda 313**
**Pilar Ayuso**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a.	Qabel ma jadottaw dawk il-miżuri, l-Istati Membri għandhom iwettqu valutazzjoni tal-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali, inkluża evalwazzjoni ta':*** |
| | ***- il-preżenza ta' provvista suffiċjenti ta' alternattivi adattati għall-iskop;*** |
| | ***- l-impatti ambjentali ta' prodotti alternattivi;*** |
| | ***- fejn applikabbli, l-impatti fuq l-iġjene tal-ikel, is-sikurezza tal-ikel, l-iskart tal-ikel, prassi tajba ta' iġjene, prassi tajba ta' manifattura, informazzjoni għall-konsumatur u rekwiżiti ta' traċċabbiltà fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ikel;*** |
| | ***- l-impatti fuq is-suq intern, ftehimiet kummerċjali internazzjonali u prezzijiet għall-konsumatur;*** |
| | ***- l-impatt fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-konsumatur, b'mod speċjali s-sikurezza tat-tfal;*** |

Or. en

**Emenda 314**
**Elisabetta Gardini, Alberto Cirio, Lorenzo Cesa, Massimiliano Salini, Stefano Maullu, Giovanni La Via**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a.	Qabel l-adozzjoni ta' miżuri ta' tnaqqis, l-Istati Membri se jkollhom iwettqu u jevalwaw l-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali inklużi:*** |
| | ***- il-preżenza ta' disponibbiltà suffiċjenti ta' oġġetti alternattivi;*** |
| | ***- l-impatti ambjentali ta' prodotti alternattivi abbażi ta' approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja;*** |

| | |
|---|---|
| | ***- fejn applikabbli, l-impatti fuq ir-rekwiżiti għall-idoneità għall-kuntatt mal-ikel, fuq il-produzzjoni tal-iskart tal-ikel, fuq prassi tajba ta' iġjene u ta' produzzjoni, fuq informazzjoni lill-konsumatur u fuq it-traċċabbiltà meħtieġa mil-leġiżlazzjoni attwali;*** |
| | ***- l-impatt fuq is-suq intern, fuq ftehimiet kummerċjali internazzjonali u fuq prezzijiet għall-konsumatur;*** |
| | ***- l-impatti fuq is-sikurezza u s-saħħa tal-konsumaturi, b'mod speċjali t-tfal;*** |
| | ***- l-effikaċja ta' miżuri alternattivi bħal ftehimiet volontarji;*** |
| | ***- l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' ġbir u ta' riċiklaġġ effiċjenti biex jinkisbu l-għanjiet stabbiliti mill-pakkett tal-Ekonomija Ċirkolari;*** |
| | ***- l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' kontroll effettiv u sanzjonijiet relatati mal-abbandun tal-iskart.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa fundamentali li jitwettqu valutazzjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja preċiżi għall-alternattivi/materjali alternattivi kollha possibbli, biex ikun żgurat li d-Direttiva tiġġenera benefiċċji ambjentali reali.*

**Emenda 315**
**Claudiu Ciprian Tănăsescu**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Qabel ma jadottaw miżura bħal din, l-Istati Membri għandhom iwettqu valutazzjoni tal-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali, filwaqt li jqisu b'mod speċjali d-disponibbiltà ta' prodotti alternattivi u l-effett ambjentali tagħhom,*** |

| | |
|---|---|
| | ***impatti potenzjali fuq il-leġiżlazzjoni dwar l-ikel u l-effikaċja ta' miżuri alternattivi.*** |

Or. en

**Emenda 316**
**Massimo Paolucci, Kathleen Van Brempt, Jo Leinen, Jytte Guteland, Renata Briano, Simona Bonafè, Giorgos Grammatikakis**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tat-tnaqqis sinifikanti fil-konsum tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imsemmijin fil-paragrafu 1. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2). | 2. Il-Kummissjoni ***għandha*** tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tat-tnaqqis sinifikanti fil-konsum tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imsemmijin fil-paragrafu 1. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2) ***sa... [sena wara d-data finali għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva]***. |

Or. it

**Emenda 317**
**Seb Dance, Rory Palmer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tat-tnaqqis sinifikanti fil-konsum tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imsemmijin fil-paragrafu 1. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2). | 2. Il-Kummissjoni ***għandha*** tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tat-tnaqqis sinifikanti fil-konsum tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imsemmijin fil-paragrafu 1 ***sa [12-il xahar qabel id-data finali għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva]***. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont |

il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2).

Or. en

**Emenda 318**
**Lynn Boylan, Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika ***tat-tnaqqis sinifikanti*** fil-konsum tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imsemmijin fil-paragrafu 1. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2). | 2. Il-Kummissjoni ***għandha*** tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika ***tal-miri għat-tnaqqis*** fil-konsum tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imsemmijin fil-paragrafu 1 ***sa [12-il xahar qabel id-data finali għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva]***. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2). |

Or. en

**Emenda 319**
**Margrete Auken**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika ***tat-tnaqqis sinifikanti*** fil-konsum tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imsemmijin ***fil-paragrafu*** 1. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2). | 2. Il-Kummissjoni ***għandha*** tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika ***tal-miri għat-tnaqqis*** fil-konsum tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imsemmijin ***fl-Artikolu 4(1)***1 ***sa [12-il xahar qabel id-data finali għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva]***. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl- |

| | |
|---|---|
| | Artikolu 16(2). |

Or. en

**Emenda 320**
**Piernicola Pedicini, Eleonora Evi, Laura Agea, Dario Tamburrano**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tat-tnaqqis ***sinifikanti*** fil-konsum tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imsemmijin fil-paragrafu 1. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2). | 2. Il-Kummissjoni ***għandha*** tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika ***tal-miri*** tat-tnaqqis fil-konsum tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imsemmijin fil-paragrafu 1 ***sa sena mid-data tat-traspożizzjoni tad-Direttiva***. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2). |

Or. it

**Emenda 321**
**Sylvie Goddyn, Jean-François Jalkh, Joëlle Mélin**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi*** l-metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tat-tnaqqis sinifikanti fil-konsum tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imsemmijin fil-paragrafu 1. ***Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2).*** | 2. ***L-Istati Membri, b'mod separat, għandhom jistabbilixxu*** l-metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tat-tnaqqis sinifikanti fil-konsum tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imsemmijin fil-paragrafu 1. ***Din il-metodoloġija għandha tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni.*** |

Or. fr

**Emenda 322**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 4a*** |
| | ***Filtri u prodotti tat-tabakk*** |
| | ***Fir-rigward tal-filtri, tal-imballaġġi u tal-prodotti tat-tabakk, l-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri vinkolanti kontra l-produtturi bil-għan li:*** |
| | ***- titnaqqas il-produzzjoni ta' filtri tal-plastik u ta' imballaġġi tal-plastik b'mod gradwali għal projbizzjoni totali sal-2025*** |
| | ***- jitnaqqas immedjatament u gradwalment sal-2025 is-sehem tal-plastik u tal-prodotti dannużi fil-filtri, fl-imballaġġi u fil-prodotti tat-tabakk imqiegħda fis-suq*** |
| | ***- jiġi ffinanzjat il-ġbir u r-riċiklaġġ tal-filtri, tal-imballaġġi u tal-prodotti tat-tabakk*** |

Or. fr

**Emenda 323**
**Danilo Oscar Lancini**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5 Artikolu 5*** | ***imħassar*** |
| ***Restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq*** | |
| ***L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma elenkati fil-Parti B tal-Anness.*** | |

Or. it

**Emenda 324**
**Jens Gieseke**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma elenkati fil-Parti B tal-Anness.*** | ***imħassar*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Bħala prinċipju, għandu jintlaqa' t-tnaqqis tal-iskart tal-plastik li jintuża darba biss. Madankollu, jenħtieġ li dan ma jiġix implimentat permezz ta' projbizzjonijiet sproporzjonati iżda permezz tal-għoti ta' informazzjoni, is-sensibilizzazzjoni u t-tikkettar.*

**Emenda 325**
**Lynn Boylan, Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma elenkati fil-Parti B tal-Anness. | L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma elenkati fil-Parti B tal-Anness. <br><br> ***Minħabba li prodotti oħra għajr dawk koperti minn din id-Direttiva huma kontributuri sinifikanti għaż-żibel fil-baħar, l-Istat Membru jingħata s-setgħa li japplika għal dawk il-prodotti l-istess miżuri applikabbli għall-oġġetti elenkati fil-Parti B tal-Anness. L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni bl-adozzjoni ta' dawn il-miżuri, inklużi r-*** |

***raġunijiet għalihom, evidenza xjentifika bħala appoġġ u dettalji dwar l-implimentazzjoni prattika u l-infurzar tagħhom.***

Or. en

**Emenda 326**
**Margrete Auken**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma elenkati fil-Parti B tal-Anness. | L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma elenkati fil-Parti B tal-Anness. ***L-Istat Membru jista' jipprojbixxi aktar prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss għajr l-oġġetti elenkati fil-Parti B tal-Anness. L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni bl-adozzjoni ta' dawn il-miżuri, inklużi r-raġunijiet għalihom, evidenza xjentifika bħala appoġġ u dettalji dwar l-implimentazzjoni prattika u l-infurzar tagħhom.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Minħabba li prodotti oħra għajr dawk koperti minn din id-Direttiva huma fost l-aktar għaxar prodotti identifikati b'mod komuni bħala kontributuri għaż-żibel fil-baħar fit-territorju ta' Stat Membru partikolari, u f'konformità mal-prinċipju ambjentali tal-prevenzjoni tat-tniġġis f'ras il-għajn, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġu awtorizzati biex jieħdu azzjoni biex jipprevjenu ż-żibel fil-baħar billi jindirizzaw is-sorsi l-aktar prevalenti fl-ambjent tagħhom, f'limiti raġonevoli li ma jostakolawx il-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku b'mod sproporzjonat.*

**Emenda 327**
**Julie Girling**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma elenkati fil-Parti B tal-Anness. | L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma elenkati fil-Parti B tal-Anness***, bl-eċċezzjoni ta' prodotti li jkun fihom tal-inqas 25 % ta' materjali riċiklati***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li jiġu promossi prodotti magħmula minn materjali riċiklati, li l-użu tagħhom jistimula l-ġbir u jnaqqas it-tixrid taż-żibel.*

**Emenda 328**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu ***t-tqegħid*** fis-suq tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma elenkati fil-Parti B tal-Anness. | L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu ***immedjatament it-tqegħid*** fis-suq tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma elenkati fil-Parti B tal-Anness. |

Or. fr

**Emenda 329**
**Andrzej Grzyb**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Qabel ma jadottaw dawk il-miżuri, l-Istati Membri għandhom iwettqu valutazzjoni tal-impatti soċjali, ekonomiċi u*** |

***ambjentali, inkluża evalwazzjoni ta':***

***- il-preżenza ta' provvista suffiċjenti ta' alternattivi adattati għall-iskop;***

***- l-impatti ambjentali ta' prodotti alternattivi;***

***- fejn applikabbli, l-impatti fuq l-iġjene tal-ikel, is-sikurezza tal-ikel, l-iskart tal-ikel, prassi tajba ta' iġjene, prassi tajba ta' manifattura, informazzjoni għall-konsumatur u rekwiżiti ta' traċċabbiltà fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ikel;***

***- l-impatt fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-konsumatur, b'mod speċjali s-sikurezza tat-tfal;***

Or. en

**Emenda 330**
**Giovanni La Via**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-użu ta' materjali alternattivi fi prodotti msemmija fil-paragrafu 1 għandu jikkonforma mal-ġerarkija tal-iskart ipprovduta mill-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE, il-prevenzjoni kif ipprovduta mill-Artikolu 3 punt 12 tad-Direttiva 2008/98/KE, ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel, u jenħtieġ li jkunu riċiklabbli b'mod organiku f'konformità mal-istandards Ewropej dwar l-ikkompostjar industrijali*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proposta ma tikkunsidrax wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-leġiżlazzjoni riveduta, id-Direttiva dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ u d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, u barra*

*minn hekk l-Istrateġija dwar il-Plastik ippubblikata riċentement: ir-riċiklaġġ tal-imballaġġ tal-plastik imqiegħed fis-suq. Meta jitqies li d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma tipprovdi ġerarkija tal-ġestjoni tal-iskart, jenħtieġ li jiġi nnotat li l-proposta tal-KE għandha punt ewlieni wieħed nieqes: ir-riċiklabbiltà mekkanika jew organika ta' prodotti tal-plastik indirizzata minn din il-proposta. Għalhekk, jenħtieġ li jingħata inċentiv għall-materjali u l-ġbir tal-iskart li jiggarantixxu li l-prodott jiġi rriċiklat b'mod effiċjenti.*

**Emenda 331**
**Andrzej Grzyb**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6 Artikolu 6*** | ***imħassar*** |
| ***Rekwiżiti tal-prodott*** | |
| ***1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti C tal-Anness li jkollhom tappijiet u għotjien b'parti sinifikanti magħmula mill-plastik jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk it-tappijiet u l-għotjien jibqgħu imwaħħla mal-kontenitur matul l-istadju tal-użu intenzjonat tal-prodott.*** | |
| ***2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu it-tappijiet jew l-għotjien tal-metall b'siġilli tal-plastik ma għandhomx jitqiesu li għandhom parti sinifikanti magħmula mill-plastik.*** | |
| ***3. Il-Kummissjoni għandha titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex jiżviluppaw standards armonizzati fir-rigward tar-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 1.*** | |
| ***4. Mid-data tal-pubblikazzjoni tal-istandards armonizzati msemmijin fil-paragrafu 3 f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, il-kontenituri tax-xorb imsemmija fil-paragrafu 1 li jikkonformaw ma' dawk l-istandards jew ma' partijiet minnhom għandu jkun preżunt li huma konformi mar-rekwiżit kopert minn dawk l-istandards jew minn*** | |

***partijiet minnhom stabbiliti fil-paragrafu 1.***

Or. en

**Emenda 332**
**Danilo Oscar Lancini**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6 Artikolu 6*** | ***imħassar*** |
| ***Rekwiżiti tal-prodott*** | |
| ***1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti C tal-Anness li jkollhom tappijiet u għotjien b'parti sinifikanti magħmula mill-plastik jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk it-tappijiet u l-għotjien jibqgħu imwaħħla mal-kontenitur matul l-istadju tal-użu intenzjonat tal-prodott.*** | |
| ***2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu it-tappijiet jew l-għotjien tal-metall b'siġilli tal-plastik ma għandhomx jitqiesu li għandhom parti sinifikanti magħmula mill-plastik.*** | |
| ***3. Il-Kummissjoni għandha titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex jiżviluppaw standards armonizzati fir-rigward tar-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 1.*** | |
| ***4. Mid-data tal-pubblikazzjoni tal-istandards armonizzati msemmijin fil-paragrafu 3 f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, il-kontenituri tax-xorb imsemmija fil-paragrafu 1 li jikkonformaw ma' dawk l-istandards jew ma' partijiet minnhom għandu jkun preżunt li huma konformi mar-rekwiżit kopert minn dawk l-istandards jew minn partijiet minnhom stabbiliti fil-paragrafu*** | |

*1.*

Or. it

**Emenda 333**
**Lynn Boylan, Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti C tal-Anness ***li jkollhom tappijiet u għotjien b'parti sinifikanti magħmula mill-plastik*** jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk it-tappijiet u l-għotjien jibqgħu imwaħħla mal-kontenitur matul l-istadju tal-użu intenzjonat tal-prodott. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti C tal-Anness jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk it-tappijiet u l-għotjien jibqgħu imwaħħla mal-kontenitur matul l-istadju tal-użu intenzjonat tal-prodott. |

Or. en

**Emenda 334**
**Frédérique Ries**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti C tal-Anness li jkollhom tappijiet u għotjien b'parti sinifikanti magħmula mill-plastik jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk it-tappijiet u l-għotjien jibqgħu imwaħħla mal-kontenitur matul l-istadju tal-użu intenzjonat tal-prodott. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti C tal-Anness li jkollhom tappijiet u għotjien b'parti sinifikanti magħmula mill-plastik jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk it-tappijiet u l-għotjien jibqgħu imwaħħla mal-kontenitur matul l-istadju tal-użu intenzjonat tal-prodott. ***Bħala deroga, sabiex jiġi pprovdut biżżejjed żmien għall-iżvilupp tal-prodott, dan ir-rekwiżit għandu japplika għal xorb bil-gass wara perjodu tranżitorju addizzjonali ta' sentejn mid-*** |

| | |
|---|---|
| | ***data msemmija fil-paragrafu 4.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tissostitwixxi l-emenda 26 imressqa mir-rapporteur fl-abbozz ta' rapport tagħha ppubblikat fl-10 ta' Lulju 2018.*

**Emenda 335**
**Sylvie Goddyn, Jean-François Jalkh, Joëlle Mélin**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti C tal-Anness li jkollhom tappijiet u għotjien b'parti sinifikanti magħmula mill-plastik jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk ***it-tappijiet u l-għotjien*** jibqgħu imwaħħla mal-kontenitur matul l-istadju tal-użu intenzjonat tal-prodott. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti C tal-Anness li jkollhom tappijiet u għotjien b'parti sinifikanti magħmula mill-plastik jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk ***il-kundizzjonijiet ekonomiċi tar-riċiklaġġ ikunu vverifikati, b'mod partikolari meta dawn ikunu tappijiet u għotjien li*** jibqgħu imwaħħla mal-kontenitur matul l-istadju tal-użu intenzjonat tal-prodott. ***Għal tappijiet u flanġi indipendenti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-istabbiliment ta' mezzi ta' riċiklaġġ, pereżempju, depożiti.*** |

Or. fr

**Emenda 336**
**Michel Dantin, Angélique Delahaye**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom | 1. L-Istati Membri għandhom |

| | |
|---|---|
| jiżguraw li l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti C tal-Anness li jkollhom tappijiet u għotjien b'parti sinifikanti magħmula mill-plastik jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk it-tappijiet u l-għotjien jibqgħu imwaħħla mal-kontenitur matul l-istadju tal-użu intenzjonat tal-prodott. | jiżguraw li l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti C tal-Anness li jkollhom tappijiet u għotjien b'parti sinifikanti magħmula mill-plastik jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk it-tappijiet u l-għotjien jibqgħu imwaħħla mal-kontenitur matul l-istadju tal-użu intenzjonat tal-prodott. ***B'deroga, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għal ċerti prodotti minħabba raġunijiet ta' iġjene u sikurezza alimentari debitament ġustifikati.*** |

Or. fr

**Emenda 337**
**Simona Bonafè, Damiano Zoffoli, Massimo Paolucci, Soledad Cabezón Ruiz**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti C tal-Anness li jkollhom tappijiet u għotjien b'parti sinifikanti magħmula mill-plastik jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk it-tappijiet u l-għotjien jibqgħu imwaħħla mal-kontenitur matul l-istadju tal-użu intenzjonat tal-prodott**.** | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti C tal-Anness li jkollhom tappijiet u għotjien b'parti sinifikanti magħmula mill-plastik jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk it-tappijiet u l-għotjien jibqgħu imwaħħla mal-kontenitur matul l-istadju tal-użu intenzjonat tal-prodott ***u t-tnejn li huma jkunu magħmula bl-istess polimeru tal-plastik kif hemm imniżżel fis-sistema ta' identifikazzjoni li tinsab fl-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 129/97/KE*** |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*F'konformità mal-istandard previst mill-Kummissjoni, biex tiġi ffaċilitata l-għażla u jiżdiedu l-kwantitajiet riċiklati, jeħtieġ li jkomplu jiġu ddefiniti aktar standards ta' ekodisinn għat-tappijiet u għall-għotjien.*

**Emenda 338**
**Jadwiga Wiśniewska, Bolesław G. Piecha**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti C tal-Anness li jkollhom tappijiet u għotjien ***b'parti sinifikanti magħmula mill-plastik*** jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk it-tappijiet u l-għotjien jibqgħu imwaħħla mal-kontenitur matul l-istadju tal-użu intenzjonat tal-prodott. | 1. ***Mid-data tal-pubblikazzjoni tal-istandards armonizzati msemmija fil-paragrafu 3 f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,*** l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti C tal-Anness li jkollhom tappijiet u għotjien ***tal-plastik*** jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk it-tappijiet u l-għotjien jibqgħu imwaħħla mal-kontenitur matul l-istadju tal-użu intenzjonat tal-prodott. |

Or. en

**Emenda 339**
**Pilar Ayuso**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti C tal-Anness li jkollhom tappijiet u għotjien b'parti sinifikanti magħmula mill-plastik jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk it-tappijiet u l-għotjien jibqgħu imwaħħla mal-kontenitur matul l-istadju tal-użu intenzjonat tal-prodott. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti C tal-Anness li jkollhom tappijiet u għotjien b'parti sinifikanti magħmula mill-plastik jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk it-tappijiet u l-għotjien jibqgħu imwaħħla mal-kontenitur matul l-istadju tal-użu intenzjonat tal-prodott ***jekk dan ikun teknikament fattibbli***. |

Or. en

**Emenda 340**
**Sylvie Goddyn, Jean-François Jalkh, Joëlle Mélin**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Fir-rigward tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-partijiet A u B tal-Anness, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impatt ekoloġiku u tas-saħħa tal-prodotti sostituti jiġi vvalutat fuq iċ-ċiklu tal-ħajja kollu - standards soċjali u ambjentali fis-seħħ fil-postijiet tal-produzzjoni, fit-trasport, fil-kundizzjonijiet ta' riċiklaġġ - sabiex is-sostituzzjoni tkun effettiva biss jekk tissodisfa l-objettivi ta' din id-Direttiva.*** |

Or. fr

**Emenda 341**
**Lynn Boylan, Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sal-2025, il-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 ikunu magħmula b'kontenut riċiklat mhux tossiku ta' mill-inqas 35 %. Sal-2022, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-metodoloġija għall-kalkolu tal-kontenut riċiklat. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'mod konformi mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2) ta' din id-Direttiva.*** |

Or. en

**Emenda 342**
**Kathleen Van Brempt, Massimo Paolucci, Jytte Guteland**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sal-2025, il-fliexken tal-plastik ikunu magħmula b'kontenut riċiklat ta' mill-inqas 50 %.*** |
| | ***Sal-2022, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu, il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-kontenut riċiklat. Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2).*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jitnaqqas b'mod effettiv l-ammont ta' fliexken tal-plastik li jintużaw darba biss li jintremew fl-ambjent u biex jiġi evitat "it-tnaqqis fir-riċiklaġġ" għal prodotti li jistgħu jkunu sors ta' mikroplastik jew mikrofibri, huwa importanti li tinħoloq domanda għal fliexken tal-plastik mormija u biex dawn jiġu "riċiklati aktar" fi ċrieki magħluqa tal-materjal. Bl-iffissar ta' mira għolja għal kontenut riċiklat għal fliexken tal-plastik ġodda, il-produtturi se jiżviluppaw is-sistemi l-aktar effettivi għal ġbir u riċiklaġġ separat.*

**Emenda 343**
**Elisabetta Gardini, Alberto Cirio, Lorenzo Cesa, Massimiliano Salini, Stefano Maullu, Giovanni La Via**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *2.* ***Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu it-tappijiet jew l-għotjien tal-metall b'siġilli tal-plastik ma għandhomx jitqiesu li għandhom parti sinifikanti magħmula mill-plastik.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Tappijiet jew għotjien tal-metall b'siġilli tal-plastik ma għandhomx jitqiesu bħala aktar sostenibbli minn oġġetti simili prodotti għalkollox mill-plastik. F'dan ir-rigward, id-dispożizzjonijiet li jinstabu fil-paragrafu 1 diġà jipprovdu l-informazzjoni neċessarja sa fejn huma kkonċernati r-rekwiżiti tal-prodott.*

**Emenda 344**
**Lynn Boylan, Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu it-tappijiet jew l-għotjien tal-metall b'siġilli tal-plastik ma għandhomx jitqiesu ***li għandhom parti sinifikanti magħmula mill-plastik***. | 2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu it-tappijiet jew l-għotjien tal-metall b'siġilli tal-plastik ma għandhomx jitqiesu ***bħala tappijiet u għotjien għal prodotti fil-Parti C***. |

Or. en

**Emenda 345**
**Margrete Auken**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li prodotti li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti C tal-Anness li jitqiegħdu fis-suq ikunu riċiklabbli.*** |

Or. en

**Emenda 346**
**Frédérique Ries**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Kummissjoni għandha titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex jiżviluppaw standards armonizzati fir-rigward tar-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 1. | 3. Il-Kummissjoni għandha titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex jiżviluppaw standards armonizzati fir-rigward tar-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 1. ***Dawn l-istandards għandhom iqisu l-ħtieġa li jinżammu s-saħħa, l-affidabbiltà u s-sikurezza neċessarji tat-tappijiet u l-għotjien tal-fliexken, inkluż ta' xorb bil-gass.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta mal-emenda l-ġdida mressqa għall-Artikolu 6(1).*

**Emenda 347**
**Massimo Paolucci, Jytte Guteland, Jo Leinen, Simona Bonafè**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Kummissjoni għandha titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex jiżviluppaw standards armonizzati fir-rigward tar-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 1. | 3. Il-Kummissjoni għandha titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex jiżviluppaw standards armonizzati fir-rigward tar-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 1 ***sa [sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]***. |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda għandha l-għan li tiżgura li malli jiskadi l-perjodu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 17(1)(2) għall-applikazzjoni tal-Artikolu 6, l-istandards armonizzati jkunu diġà ġew adottati.*

**Emenda 348**
**Karl-Heinz Florenz, Annie Schreijer-Pierik, Francesc Gambús, Birgit Collin-Langen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Kummissjoni għandha titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex jiżviluppaw standards armonizzati fir-rigward tar-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 1. | 3. ***Sa [3 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]*** il-Kummissjoni għandha titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex jiżviluppaw standards armonizzati fir-rigward tar-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 1. |

Or. en

**Emenda 349**
**Lynn Boylan, Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Kummissjoni għandha titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex jiżviluppaw standards armonizzati ***fir-rigward tar-rekwiżit*** imsemmi fil-paragrafu 1. | 3. Il-Kummissjoni għandha titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex jiżviluppaw standards armonizzati ***għar-rekwiżit*** imsemmi fil-paragrafu 1. |

Or. en

**Emenda 350**
**Jadwiga Wiśniewska, Bolesław G. Piecha**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Mid-data tal-pubblikazzjoni tal- | 4. Mid-data tal-pubblikazzjoni tal- |

| | |
|---|---|
| istandards armonizzati msemmijin fil-paragrafu 3 f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ***il-kontenituri tax-xorb imsemmija fil-paragrafu 1*** li jikkonformaw ma' dawk l-istandards jew ma' partijiet minnhom għandu jkun preżunt li huma konformi mar-rekwiżit kopert minn dawk l-istandards jew minn partijiet minnhom stabbiliti fil-paragrafu 1. | istandards armonizzati msemmijin fil-paragrafu 3 f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ***prodotti tal-plastik*** li ***jintużaw darba biss elenkati fil-Parti C tal-Anness li*** jikkonformaw ma' dawk l-istandards jew ma' partijiet minnhom għandu jkun preżunt li huma konformi mar-rekwiżit kopert minn dawk l-istandards jew minn partijiet minnhom stabbiliti fil-paragrafu 1. |

Or. en

**Emenda 351**
**Massimo Paolucci, Miriam Dalli**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tazez għax-xorb elenkati fil-parti A tal-Anness li jkunu magħmula parzjalment mill-plastik ikunu jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk il-kisjiet polimeriċi tagħhom ikunu bijodegradabbli u kompostabbli.*** |

Or. it

**Emenda 352**
**Piernicola Pedicini, Eleonora Evi, Laura Agea, Dario Tamburrano**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Il-kontenituri tax-xorb elenkati fil-parti C tal-Anness, sabiex ikunu jistgħu jitqiegħdu fis-suq, għandu jkollhom mill-inqas 25 % tal-kontenut minimu rriċiklat sal-2025 u 50 % sal-2030.*** |

Or. it

**Emenda 353**
**Lynn Boylan, Younous Omarjee, Kateřina Konečná**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti tal-prodott għall-prodotti kollha msemmija f'din id-Direttiva għandhom jipprevjenu l-użu ta' sustanzi kimiċi perikolużi fil-kompożizzjoni tagħhom.*** |

Or. en

**Emenda 354**
**Margrete Auken**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu r-rilaxx organizzat u intenzjonali ta' blalen tal-arja fl-atmosfera f'avvenimenti pubbliċi jew privati.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ħafna projbizzjonijiet ta' awtoritajiet lokali (>50 fir-Renju Unit) u fil-livell tal-Istat (California, Florida, Tennessee, Virginia) ġew adottati biex jiġi evitat ir-rilaxx ta' blalen tal-arja bil-massa fl-ambjent.*

**Emenda 355**
**Massimo Paolucci, Miriam Dalli**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu r-rilaxx intenzjonali ta' blalen tal-arja fl-atmosfera f'avvenimenti pubbliċi jew privati.*** |

Or. en

**Emenda 356**
**Margrete Auken**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 4b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe prodott tal-plastik li jintuża darba biss imsemmi f'din id-Direttiva ma jkunx fih sustanzi li jissodisfaw il-kriterji għall-identifikazzjoni bħala Sustanza ta' Tħassib Serju Ħafna skont l-Artikolu 57 ta' REACH.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-introduzzjoni tar-rekwiżiti tal-prodott jenħtieġ li tindirizza l-użu ta' sustanzi kimiċi perikolużi fil-kompożizzjoni tal-prodott tal-plastik sabiex jiġi pprevenut l-użu tagħhom fil-fażi tad-disinn, pereżempju bisfenol A, sustanza magħrufa li tfixkel is-sistema endokrinali. Barra minn hekk, studji jirrapportaw bisfenoli oħra bħal bisfenol F u S bħala sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali kif ukoll, monomeru tal-istiren bħala li għandu effetti karċinoġeniċi u mutaġeniċi u monomeru tal-klorur tal-vinil bħala karċinoġenu b'effetti mutaġeniċi u aktar.*

**Emenda 357**
**Lynn Boylan, Kateřina Konečná, Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 4c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4c. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti tal-prodott għall-prodotti kollha msemmija f'din id-Direttiva għandhom jipprevjenu l-użu ta' sustanzi kimiċi perikolużi fil-kompożizzjoni tagħhom.*** |

Or. en

**Emenda 358**
**Massimo Paolucci, Jytte Guteland, Guillaume Balas, Giorgos Grammatikakis, Carlos Zorrinho, Miriam Dalli**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 4b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. L-Istati Membri għandhom jipprevjenu l-użu ta' sustanzi kimiċi perikolużi fil-kompożizzjoni ta' assorbenti sanitarji, tampuni u applikaturi tat-tampuni elenkati fil-Parti D tal-Anness u jieħdu miżuri biex jagħmlu alternattivi b'użi multipli disponibbli b'mod wiesgħa.*** |

Or. en

**Emenda 359**
**Lynn Boylan, Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 4b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. L-Artikoli 16 sa 29 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 dwar is-sorveljanza tas-suq għandhom japplikaw għal prodotti msemmija fil-paragrafu 1 u mill-atti ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***implimentazzjoni korrispondenti.*** |

Or. en

**Emenda 360**
**Massimo Paolucci, Jo Leinen, Jytte Guteland, Renata Briano, Simona Bonafè**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull prodott tal-plastik li jintuża darba biss li huwa elenkat fil-Parti D tal-Anness, meta jitqiegħed fis-suq ikun immarkat b'mod li jidher u jinqara b'mod ċar u li ma jitħassarx sabiex il-konsumaturi jkunu mgħarrfa ***b'wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin***: | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull prodott tal-plastik li jintuża darba biss li huwa elenkat fil-Parti D tal-Anness, meta jitqiegħed fis-suq ikun immarkat b'mod li jidher u jinqara b'mod ċar u li ma jitħassarx***, kemm fuq il-pakkett li jkun fih l-aktar unitajiet kif ukoll fuq kull unità meta tkun ippakkjata b'mod individwali,*** sabiex il-konsumaturi jkunu mgħarrfa ***b'dan li ġej***: |

Or. it

**Emenda 361**
**Jadwiga Wiśniewska, Bolesław G. Piecha**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull prodott tal-plastik li jintuża darba biss li huwa elenkat fil-Parti D tal-Anness, meta jitqiegħed fis-suq ikun immarkat b'mod li jidher u jinqara b'mod ċar u li ma jitħassarx sabiex il-konsumaturi jkunu mgħarrfa b'wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin: | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull prodott tal-plastik li jintuża darba biss ***jew imballaġġ tal-prodotti*** li huwa elenkat fil-Parti D tal-Anness, meta jitqiegħed fis-suq ikun immarkat b'mod li jidher u jinqara b'mod ċar u li ma jitħassarx sabiex il-konsumaturi jkunu mgħarrfa b'wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Jista' ma jkunx fattibbli li din l-informazzjoni titqiegħed fuq xi kategoriji ta' prodotti, għalhekk jenħtieġ li tkun teżisti alternattiva fattibbli.*

**Emenda 362**
**Karl-Heinz Florenz, Annie Schreijer-Pierik, Francesc Gambús, Birgit Collin-Langen, Peter Liese**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull ***prodott*** tal-plastik li jintuża darba biss li huwa elenkat fil-Parti D tal-Anness, meta jitqiegħed fis-suq ikun immarkat b'mod li jidher u jinqara b'mod ċar u li ma jitħassarx sabiex il-konsumaturi jkunu mgħarrfa ***b'wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin***: | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull ***imballaġġ għall-bejgħ tal-prodott*** tal-plastik li jintuża darba biss li huwa elenkat fil-Parti D tal-Anness, meta jitqiegħed fis-suq ikun immarkat b'mod li jidher u jinqara b'mod ċar u li ma jitħassarx sabiex il-konsumaturi jkunu mgħarrfa ***b'dan li ġej***: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Jagħmel aktar sens li l-imballaġġ għall-bejgħ u mhux il-prodott innifsu jkollu l-immarkar (eżempju: l-imballaġġ tal-wet wipes mhux il-wet wipes stess). Sabiex jiġi mħares is-suq uniku, l-immarkar jenħtieġ li jkun l-istess fl-Ewropa kollha u mhux fid-diskrezzjoni ta' kull Stat Membru.*

**Emenda 363**
**Elisabetta Gardini, Alberto Cirio, Lorenzo Cesa, Massimiliano Salini, Stefano Maullu, Giovanni La Via**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull prodott tal-plastik li jintuża darba biss ***li huwa elenkat fil-Parti D tal-Anness***, meta jitqiegħed fis-suq ikun | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull prodott tal-plastik li jintuża darba biss, meta jitqiegħed fis-suq ikun immarkat b'mod li jidher u jinqara b'mod |

| | |
|---|---|
| immarkat b'mod li jidher u jinqara b'mod ċar u li ma jitħassarx sabiex il-konsumaturi jkunu mgħarrfa b'wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin: | ċar u li ma jitħassarx sabiex il-konsumaturi jkunu mgħarrfa b'wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 364**
**Sirpa Pietikäinen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull prodott tal-plastik li jintuża darba biss li huwa elenkat fil-Parti D tal-Anness, meta jitqiegħed fis-suq ikun immarkat b'mod li jidher u jinqara b'mod ċar u li ma jitħassarx sabiex il-konsumaturi jkunu mgħarrfa ***b'wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin***: | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull prodott tal-plastik li jintuża darba biss li huwa elenkat fil-Parti D tal-Anness, meta jitqiegħed fis-suq ikun immarkat b'mod li jidher u jinqara b'mod ċar u li ma jitħassarx sabiex il-konsumaturi jkunu mgħarrfa ***b'dan li ġej***: |

Or. en

**Emenda 365**
**Lynn Boylan, Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull prodott tal-plastik li jintuża darba biss li huwa elenkat fil-Parti D tal-Anness, meta jitqiegħed fis-suq ikun immarkat b'mod li jidher u jinqara b'mod ċar u li ma jitħassarx sabiex il-konsumaturi jkunu mgħarrfa ***b'wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin***: | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull prodott tal-plastik li jintuża darba biss li huwa elenkat fil-Parti D tal-Anness, meta jitqiegħed fis-suq ikun immarkat b'mod li jidher u jinqara b'mod ċar u li ma jitħassarx sabiex il-konsumaturi jkunu mgħarrfa ***b'dan li ġej***: |

Or. en

**Emenda 366**
**Piernicola Pedicini, Eleonora Evi, Laura Agea, Dario Tamburrano**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull prodott tal-plastik li jintuża darba biss li huwa elenkat fil-Parti D tal-Anness, meta jitqiegħed fis-suq ikun immarkat b'mod li jidher u jinqara b'mod ċar u li ma jitħassarx sabiex il-konsumaturi jkunu mgħarrfa ***b'wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin***: | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull prodott tal-plastik li jintuża darba biss li huwa elenkat fil-Parti D tal-Anness, meta jitqiegħed fis-suq ikun immarkat b'mod li jidher u jinqara b'mod ċar u li ma jitħassarx sabiex il-konsumaturi jkunu mgħarrfa ***b'dan li ġej***: |

Or. it

**Emenda 367**
**Simona Bonafè, Damiano Zoffoli, Soledad Cabezón Ruiz**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull prodott tal-plastik li jintuża darba biss li huwa elenkat fil-Parti D tal-Anness, meta jitqiegħed fis-suq ikun immarkat b'mod li jidher u jinqara b'mod ċar u li ma jitħassarx sabiex il-konsumaturi jkunu mgħarrfa ***b'wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin***: | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull prodott tal-plastik li jintuża darba biss li huwa elenkat fil-Parti D tal-Anness, meta jitqiegħed fis-suq ikun immarkat b'mod li jidher u jinqara b'mod ċar u li ma jitħassarx sabiex il-konsumaturi jkunu mgħarrfa ***b'dan li ġej***: |

Or. it

**Emenda 368**
**Mark Demesmaeker**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull prodott tal-plastik li jintuża darba biss li huwa elenkat fil-Parti D tal-Anness, meta jitqiegħed fis-suq ikun immarkat b'mod li jidher u jinqara b'mod ċar u li ma jitħassarx sabiex il-konsumaturi jkunu mgħarrfa ***b'wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin***: | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull prodott tal-plastik li jintuża darba biss li huwa elenkat fil-Parti D tal-Anness, meta jitqiegħed fis-suq ikun immarkat b'mod li jidher u jinqara b'mod ċar u li ma jitħassarx sabiex il-konsumaturi jkunu mgħarrfa ***b'dan li ġej***: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li jiġu sodisfatti ż-żewġ rekwiżiti.*

**Emenda 369**
**Margrete Auken**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull prodott tal-plastik li jintuża darba biss li huwa elenkat fil-Parti D tal-Anness, meta jitqiegħed fis-suq ikun immarkat b'mod li jidher u jinqara b'mod ċar u li ma jitħassarx sabiex il-konsumaturi jkunu mgħarrfa ***b'wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin***: | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull prodott tal-plastik li jintuża darba biss li huwa elenkat fil-Parti D tal-Anness, meta jitqiegħed fis-suq ikun immarkat b'mod li jidher u jinqara b'mod ċar u li ma jitħassarx sabiex il-konsumaturi jkunu mgħarrfa ***b'dan li ġej***: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-konsumaturi jenħtieġ li jiġu infurmati dwar l-informazzjoni kollha t'hawn taħt.*

**Emenda 370**
**Renate Sommer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull prodott tal-plastik li jintuża darba biss li huwa elenkat fil-Parti D tal-Anness, meta jitqiegħed fis-suq ikun immarkat b'mod li jidher u jinqara b'mod ċar u li ma jitħassarx sabiex il-konsumaturi jkunu mgħarrfa b'wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin: | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull prodott tal-plastik li jintuża darba biss li huwa elenkat fil-Parti D tal-Anness, meta jitqiegħed fis-suq ikun immarkat b'mod li jidher u jinqara b'mod ċar u li ma jitħassarx sabiex il-konsumaturi jkunu mgħarrfa b'wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin***, dment li tali tikkettar ikun fattibbli meta jitqies id-daqs tal-prodott***: |

Or. de

**Emenda 371**
**Mairead McGuinness**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull prodott tal-plastik li jintuża darba biss li huwa elenkat fil-Parti D tal-Anness, meta jitqiegħed fis-suq ***ikun immarkat*** b'mod li jidher u jinqara b'mod ċar u li ma jitħassarx sabiex il-konsumaturi jkunu mgħarrfa b'wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin: | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull prodott tal-plastik li jintuża darba biss li huwa elenkat fil-Parti D tal-Anness, meta jitqiegħed fis-suq ***ikollu tikketta li tkun immarkata*** b'mod li jidher u jinqara b'mod ċar u li ma jitħassarx sabiex il-konsumaturi jkunu mgħarrfa b'wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 372**
**Lynn Boylan, Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-għażliet xierqa għar-rimi tal- | (a) l-għażliet xierqa għar-rimi tal- |

| | |
|---|---|
| prodott ***jew il-mezzi*** għar-rimi tal-iskart li għandhom jiġu evitati għal dak il-prodott, | prodott ***u l-mezzi*** għar-rimi tal-iskart ***partikolari*** li għandhom jiġu evitati għal dak il-prodott ***jekk rilevanti***, |

Or. en

**Emenda 373**
**Massimo Paolucci, Jytte Guteland, Renata Briano, Simona Bonafè**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-għażliet xierqa għar-rimi tal-prodott ***jew il-mezzi*** għar-rimi tal-iskart li għandhom jiġu evitati ***għal dak il-prodott,*** | (a) l-għażliet xierqa għar-rimi tal-prodott ***u l-mezzi*** għar-rimi tal-iskart li għandhom jiġu evitati***;*** |

Or. it

**Emenda 374**
**Sirpa Pietikäinen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-impatti ambjentali negattivi tar-rimi tal-iskart jew tat-tixrid taż-żibel jew ta' rimi ieħor inadegwat tal-iskart tal-prodotti, ***jew*** | (b) l-impatti ambjentali negattivi tar-rimi tal-iskart jew tat-tixrid taż-żibel jew ta' rimi ieħor inadegwat tal-iskart tal-prodotti, ***u*** |

Or. en

**Emenda 375**
**Mark Demesmaeker**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-impatti ambjentali negattivi tar-rimi tal-iskart jew tat-tixrid taż-żibel jew ta' rimi ieħor inadegwat tal-iskart tal-prodotti***, jew*** | (b) l-impatti ambjentali negattivi tar-rimi tal-iskart jew tat-tixrid taż-żibel jew ta' rimi ieħor inadegwat tal-iskart tal-prodotti***.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li jiġu sodisfatti ż-żewġ rekwiżiti.*

**Emenda 376**
**Karl-Heinz Florenz, Annie Schreijer-Pierik, Francesc Gambús, Birgit Collin-Langen, Peter Liese**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-impatti ambjentali negattivi tar-rimi tal-iskart jew tat-tixrid taż-żibel jew ta' rimi ieħor inadegwat tal-iskart tal-prodotti, ***jew*** | (b) l-impatti ambjentali negattivi tar-rimi tal-iskart jew tat-tixrid taż-żibel jew ta' rimi ieħor inadegwat tal-iskart tal-prodotti, |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġi mħares is-suq uniku, l-immarkar jenħtieġ li jkun l-istess fl-Ewropa kollha u jenħtieġ li ma jkunx fid-diskrezzjoni ta' kull Stat Membru.*

**Emenda 377**
**Mark Demesmaeker**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu7 – paragrafu 1 – punt c**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***(c) il-preżenza tal-plastiks fil-prodott.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-valur miżjud għall-konsumatur ta' dan ir-rekwiżit mhuwiex ċar, aktar u aktar fil-proposta oriġinali fejn huwa biżżejjed li jiġi sodisfatt rekwiżit wieħed.*

**Emenda 378**
**Elisabetta Gardini, Alberto Cirio, Lorenzo Cesa, Massimiliano Salini, Stefano Maullu, Giovanni La Via**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu7 – paragrafu 1 – punt c**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***(c) il-preżenza tal-plastiks fil-prodott.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 379**
**Massimo Paolucci, Jo Leinen, Renata Briano, Simona Bonafè, Carlos Zorrinho**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt c**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (c) il-preżenza tal-plastiks fil-prodott. | (c) il-preżenza tal-plastiks fil-prodott ***u, jekk ikun il-każ, l-eżistenza ta' prodotti alternattivi b'karatteristiċi operattivi simili***. |

Or. it

**Emenda 380**
**Margrete Auken**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu7 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-preżenza tal-plastiks fil-prodott. | (c) il-preżenza tal-plastiks fil-prodott ***u, fejn applikabbli, id-disponibbiltà ta' alternattivi***. |

Or. en

**Emenda 381**
**Lynn Boylan, Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu7 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-preżenza tal-plastiks fil-prodott**.** | (c) il-preżenza tal-plastiks fil-prodott ***skont il-perċentwal*** |

Or. en

**Emenda 382**
**Karl-Heinz Florenz, Annie Schreijer-Pierik, Francesc Gambús, Birgit Collin-Langen, Peter Liese**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu7 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-preżenza tal-plastiks fil-prodott**.** | (c) il-preżenza tal-plastiks fil-prodott***, u*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġi mħares is-suq uniku, l-immarkar jenħtieġ li jkun l-istess fl-Ewropa kollha u jenħtieġ li ma jkunx fid-diskrezzjoni ta' kull Stat Membru.*

**Emenda 383**
**Piernicola Pedicini, Eleonora Evi, Dario Tamburrano, Laura Agea**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) il-preżenza fil-prodott ta' sustanzi kimiċi ta' tħassib, bħal metalli perikolużi, ftalati, PFAS, bisfenoli, kif ukoll sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali u sustanzi oħra ta' tħassib serju ħafna (SVHC) skont ir-Regolament (UE) 1907/2006.*** |

Or. en

**Emenda 384**
**Michèle Rivasi**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) il-preżenza jew in-nuqqas ta' materja prima sekondarja (mir-riċiklaġġ) u l-perċentwal tagħha fil-manifattura tal-prodotti tagħhom.*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa essenzjali li l-kummerċjanti jagħtu informazzjoni preċiża lill-konsumaturi, kif ukoll lil dawk responsabbli mill-ġbir u mit-trattament tal-iskart, rigward l-użu jew in-nuqqas tiegħu ta' materja prima sekondarja (mir-riċiklaġġ) u l-perċentwal tagħha fil-manifattura tal-prodotti tagħhom. Din l-informazzjoni tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' xiri responsabbli għall-konsumaturi u tippromwovi l-istabbiliment ta' settur affidabbli tal-materja prima sekondarja.*

**Emenda 385**
**Lynn Boylan, Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) il-preżenza ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna (SVHC) kif stabbiliti fil-lista ta' awtorizzazzjoni ta' REACH.*** |

Or. en

**Emenda 386**
**Piernicola Pedicini, Eleonora Evi, Laura Agea, Dario Tamburrano**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) Alternattivi għall-prodott li jkunu jistgħu jintużaw mill-ġdid, fejn jeżistu dawn l-alternattivi;*** |

Or. it

**Emenda 387**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) il-preżenza ta' prodotti kimiċi jew ta' sustanzi dannużi fil-prodott.*** |

Or. fr

**Emenda 388**
**Michèle Rivasi**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) il-potenzjal tar-riċiklabbiltà tal-prodott.*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa għalhekk essenzjali li l-konsumaturi, kif ukoll dawk responsabbli mill-ġbir u mit-trattament tal-iskart, jingħataw informazzjoni preċiża dwar il-potenzjal tar-riċiklabbiltà tal-prodotti tagħhom. Din l-informazzjoni tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' xiri responsabbli għall-konsumaturi u tippromwovi l-istabbiliment ta' settur affidabbli tal-materja prima sekondarja.*

**Emenda 389**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(cb) il-potenzjal tar-riċiklabbiltà tal-prodott*** |

Or. fr

**Emenda 390**
**Karl-Heinz Florenz, Annie Schreijer-Pierik, Francesc Gambús, Birgit Collin-Langen, Peter Liese**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) ir-riċiklabbiltà ta' prodott.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-riċiklabbiltà ta' prodott hija informazzjoni importanti għall-konsumaturi u tippermettilhom jagħmlu għażliet infurmati.*

**Emenda 391**
**Lynn Boylan, Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 - paragrafu 1 - punt cb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(cb) simbolu standardizzat biex jindika jekk kienx hemm alternattivi mhux tal-plastik jew riutilizzabbli fis-suq; il-Kummissjoni għandha tressaq simbolu standardizzat għal dan il-għan permezz ta' att ta' implimentazzjoni*** |

Or. en

**Emenda 392**
**Simona Bonafè, Damiano Zoffoli, Massimo Paolucci, Soledad Cabezón Ruiz**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull prodott tal-plastik li jintuża darba biss li huwa elenkat fil-Parti D(a) tal-Anness, meta jitqiegħed fis-suq ikun immarkat b'mod li jidher u jinqara b'mod ċar u li ma jitħassarx sabiex jiġi mgħarraf il-kontenut tal-plastik irriċiklat tal-prodott*** |

Or. it

**Emenda 393**
**Massimo Paolucci, Jytte Guteland, Simona Bonafè**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha, sa... [12-il xahar qabel id-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva], tadotta att ***ta' implimentazzjoni*** li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-immarkar imsemmi fil-paragrafu 1. Dak l-att ***ta' implimentazzjoni*** għandu jiġi adottat ***skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2***). | 2. Il-Kummissjoni għandha, sa... [12-il xahar qabel id-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva], tadotta att ***delegat*** li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-immarkar imsemmi fil-paragrafu 1. Dak l-att ***delegat*** għandu jiġi adottat ***b'mod konformi mal-Artikolu 16(a***). |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*Il-format tal-immarkar armonizzat għal xi prodotti tal-plastik jenħtieġ li jiġi ddefinit permezz ta' att delegat u mhux att ta' implimentazzjoni. Din l-emenda hija marbuta mal-emenda li tintroduċi l-Artikolu 16(a) ġdid dwar l-eżerċizzju tad-delega.*

**Emenda 394**
**Karl-Heinz Florenz, Francesc Gambús, Birgit Collin-Langen, Peter Liese**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha, sa... [12-il xahar qabel id-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva], tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-immarkar imsemmi fil-paragrafu 1. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2). | 2. Il-Kummissjoni għandha, sa... [12-il xahar qabel id-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva], tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-immarkar imsemmi fil-paragrafu 1 ***u, meta tagħmel dan, għandha tqis il-ftehimiet volontarji settorjali u m'għandhiex tqarraq bil-konsumatur***. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2). |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Hemm diversi inizjattivi ta' industrija volontarji li jinfurmaw lill-konsumaturi dwar ir-rimi korrett tal-prodotti. Huwa għalhekk utli li dawn jitqiesu u li naħdmu flimkien mal-industrija biex niżviluppawhom. Fl-istess ħin, informazzjoni ċara li ma tqarraqx bil-konsumatur hija importanti sabiex il-konsumatur ikun jista' jaġixxi b'mod ambjentalment xieraq.*

**Emenda 395**
**Julie Girling, Elisabetta Gardini**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha, sa... [12-il xahar qabel id-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva], tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-immarkar imsemmi fil-paragrafu 1. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2). | 2. Il-Kummissjoni għandha, sa... [12-il xahar qabel id-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva], tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-immarkar imsemmi fil-paragrafu 1 ***u, meta tagħmel dan, għandha tqis il-ftehimiet volontarji settorjali***. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2). |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ftehimiet settorjali eżistenti huma diġà konformi mal-Artikolu 7(1), u dan jenħtieġ li jitqies mill-Kummissjoni qabel ma jiġi ppubblikat l-att ta' implimentazzjoni.*

**Emenda 396**
**Lukas Mandl**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***8 Artikolu 8*** | ***imħassar*** |
| ***Responsabbiltà estiża tal-produttur*** | |
| ***1. L-Istati Membri għandhom*** | |

***jiżguraw li l-iskemi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur ikunu stabbiliti għall-prodotti tal-plastik kollha li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness imqiegħda fis-suq tal-Unjoni, skont id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur tad-Direttiva 2008/98/KE.***

***2.***

***Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ikopru l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart li jikkonsisti minn dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu, inklużi l-ispejjeż biex jitnaddaf l-iskart u l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti.***

***Għal prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma imballaġġ, ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-paragrafu jissupplementaw ir-rekwiżiti rigward skemi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur stabbiliti fid-Direttiva 94/62/KEE u fid-Direttiva 2008/98/KE.***

***3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur ikunu stabbiliti għal irkaptu tas-sajd li fih il-plastik imqiegħed fis-suq tal-Unjoni, skont id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur tad-Direttiva 2008/98/KE.***

***4.***

***Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 3, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' rkaptu tas-sajd li fih il-plastik għandhom ikopru l-ispejjeż tal-ġbir tal-irkaptu tas-sajd skartat li fih il-plastik li twassal fil-faċilitajiet adegwati tal-akkoljenza fil-portijiet skont il-liġi tal-Unjoni dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza***

| | |
|---|---|
| ***fil-portijiet jew f'sistemi ta' ġbir ekwivalenti oħrajn li jaqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu. Il-produtturi għandhom ikopru wkoll l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 dwar l-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik.*** | |
| ***Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-paragrafu jiżdiedu mar-rekwiżiti applikabbli għall-iskart minn bastimenti tas-sajd fil-liġi tal-Unjoni dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet.*** | |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Skont id-Direttiva proposta, il-produtturi għandhom iġarrbu l-ispejjeż għall-ġbir, kif ukoll l-ispejjeż tal-operazzjonijiet ta' tindif. Madankollu, f'dan ir-rigward, il-produtturi ma jista' jkollhom l-ebda influwenza u għalhekk dan l-Artikolu jitħassar.*

**Emenda 397**
**Jadwiga Wiśniewska, Bolesław G. Piecha**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur ikunu stabbiliti għall-prodotti tal-plastik kollha li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness imqiegħda fis-suq tal-Unjoni, skont id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur tad-Direttiva 2008/98/KE.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Fl-opinjoni tagħna, l-introduzzjoni ta' skemi EPR għall-prodotti msemmija fil-Parti E mhijiex iġġustifikata. Għal dawn il-prodotti li huma imballaġġ (kontenituri tal-ikel, pakketti u tgeżwir magħmul minn materjal flessibbli, kontenituri tax-xorb) is-sistemi EPR ilhom jiffunzjonaw fl-Istati Membri għal ħafna snin, u barra minn hekk, il-pakkett il-ġdid dwar l-iskart stabbilixxa d-dispożizzjonijiet speċjali li jikkonċernaw l-iskemi obbligatorji tal-EPR għall-imballaġġ. Barra minn hekk, prodotti oħra li mhumiex imballaġġ huma elenkati f'partijiet oħra tal-Anness.*

**Emenda 398**
**Elisabetta Gardini, Lorenzo Cesa**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur ikunu stabbiliti għall-prodotti tal-plastik kollha li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness imqiegħda fis-suq tal-Unjoni, skont id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur tad-Direttiva 2008/98/KE.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 399**
**Michel Dantin**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur ikunu stabbiliti għall-prodotti tal-plastik kollha li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness imqiegħda fis-suq tal-Unjoni, skont id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur ikunu stabbiliti għall-prodotti tal-plastik kollha li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness imqiegħda fis-suq tal-Unjoni, skont id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà |

| | |
|---|---|
| estiża tal-produttur tad-Direttiva 2008/98/KE. | estiża tal-produttur tad-Direttiva 2008/98/KE. ***L-ispejjeż ta' din l-operazzjoni għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti u jiġu kondiviżi bejn l-atturi kkonċernati. Il-Kummissjoni għandha tippubblika linji gwida, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, dwar l-allokazzjoni tal-ispejjeż tat-tindif mit-tniġġis tal-iskart kopert mill-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur.*** |

Or. fr

**Emenda 400**
**Françoise Grossetête, Michel Dantin, Angélique Delahaye**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur ikunu stabbiliti għall-prodotti tal-plastik kollha li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness imqiegħda fis-suq tal-Unjoni, skont id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur tad-Direttiva 2008/98/KE. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur ikunu stabbiliti ***kull meta jitqies meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 1,*** għall-prodotti tal-plastik kollha li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness imqiegħda fis-suq tal-Unjoni, skont id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur tad-Direttiva 2008/98/KE. |

Or. fr

**Emenda 401**
**Jørn Dohrmann**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi tar-responsabbiltà | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi tar-responsabbiltà |

| | |
|---|---|
| estiża tal-produttur ikunu stabbiliti għall-prodotti tal-plastik ***kollha*** li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness imqiegħda fis-suq tal-Unjoni, skont id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur tad-Direttiva 2008/98/KE. | estiża tal-produttur ikunu stabbiliti għall-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness imqiegħda fis-suq tal-Unjoni, skont id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur tad-Direttiva 2008/98/KE. |

Or. en

**Emenda 402**
**Jadwiga Wiśniewska, Bolesław G. Piecha**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ikopru l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart li jikkonsisti minn dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu, inklużi l-ispejjeż biex jitnaddaf l-iskart u l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti.*** | ***imħassar*** |
| ***Għal prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma imballaġġ, ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-paragrafu jissupplementaw ir-rekwiżiti rigward skemi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur stabbiliti fid-Direttiva 94/62/KEE u fid-Direttiva 2008/98/KE.*** | |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Fl-opinjoni tagħna, l-introduzzjoni ta' skemi EPR għall-prodotti msemmija fil-Parti E mhijiex iġġustifikata. Għal dawn il-prodotti li huma imballaġġ (kontenituri tal-ikel, pakketti u tgeżwir magħmul minn materjal flessibbli, kontenituri tax-xorb) is-sistemi EPR ilhom jiffunzjonaw fl-*

*Istati Membri għal ħafna snin, u barra minn hekk, il-pakkett il-ġdid dwar l-iskart stabbilixxa d-dispożizzjonijiet speċjali li jikkonċernaw l-iskemi obbligatorji tal-EPR għall-imballaġġ. Barra minn hekk, prodotti oħra li mhumiex imballaġġ huma elenkati f'partijiet oħra tal-Anness.*

**Emenda 403**
**Elisabetta Gardini, Lorenzo Cesa**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ikopru l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart li jikkonsisti minn dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu, inklużi l-ispejjeż biex jitnaddaf l-iskart u l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti.*** | ***imħassar*** |
| ***Għal prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma imballaġġ, ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-paragrafu jissupplementaw ir-rekwiżiti rigward skemi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur stabbiliti fid-Direttiva 94/62/KEE u fid-Direttiva 2008/98/KE.*** | |

Or. en

**Emenda 404**
**Françoise Grossetête, Michel Dantin, Angélique Delahaye**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il- | Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il- |

| | |
|---|---|
| paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ikopru l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart li jikkonsisti minn dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu, ***inklużi l-ispejjeż biex jitnaddaf l-iskart*** u l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti. | paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ikopru l-ispejjeż ***meħtieġa*** tal-ġbir tal-iskart li jikkonsisti minn dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu, ***kif iddefiniti fl-Artikoli 8*** u ***8a tad-Direttiva 2008/98/KE u*** l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Id-Direttiva Qafas riveduta dwar l-iskart tirrikonoxxi li l-ġlieda kontra l-iskart tal-plastik għandha titwettaq mill-awtoritajiet kompetenti lokali kif ukoll mill-produtturi u mill-konsumaturi.*

**Emenda 405**
**Karl-Heinz Florenz, Giovanni La Via, Peter Liese, Francesc Gambús**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ikopru l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart li jikkonsisti minn dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu, ***inklużi l-ispejjeż biex jitnaddaf l-iskart*** u l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti. | Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ikopru l-ispejjeż ***neċessarji*** tal-ġbir tal-iskart li jikkonsisti minn dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu, ***kif iddefinit skont l-Artikolu 8*** u ***8a tad-Direttiva 2008/98/KE u*** l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-ġlieda kontra t-tixrid taż-żibel jenħtieġ li tkun sforz bejn l-awtoritajiet kompetenti, il-produtturi u l-konsumaturi. Il-problema tat-tixrid taż-żibel mhijiex solvuta permezz ta' pagamenti tal-produtturi għall-ispejjeż tat-tindif iżda permezz ta' mġiba differenti tal-konsumatur li tinkiseb billi l-konsumaturi jiġu edukati u bl-infurzar tal-leġiżlazzjoni eżistenti. Il-prevenzjoni tat-tixrid taż-żibel hija ħafna aktar effettiva.*

**Emenda 406**
**Pilar Ayuso**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ikopru l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart li jikkonsisti minn dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu***, inklużi l-ispejjeż biex jitnaddaf l-iskart*** u l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti. | Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ikopru l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart li jikkonsisti minn dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu u l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti. |

Or. en

**Emenda 407**
**Andrzej Grzyb**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ikopru l- | Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ikopru l- |

| | |
|---|---|
| ispejjeż tal-ġbir tal-iskart li jikkonsisti minn dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu***, inklużi l-ispejjeż biex jitnaddaf l-iskart*** u l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti. | ispejjeż tal-ġbir tal-iskart li jikkonsisti minn dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu u l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti. |

Or. en

**Emenda 408**
**Kathleen Van Brempt, Massimo Paolucci**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ikopru l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart li jikkonsisti minn dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu, inklużi l-ispejjeż biex jitnaddaf l-iskart u l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti. | Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ikopru l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart li jikkonsisti minn dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu, inklużi l-ispejjeż biex jitnaddaf l-iskart u l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti. ***L-ispejjeż li se jiġu koperti mill-produtturi għandhom fi kwalunkwe każ jinkludu l-ispejjeż li l-awtoritajiet pubbliċi, jew partijiet oħra f'isimhom, jagħmlu biex inaddfu l-ambjent.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*A complete internalisation of external costs according to the extended producer responsibility principle, means that also the costs for (cleaning up) litter are borne by the producers. This mechanism prevents that such costs are passed on to the community, and will furthermore incentivise producers to produce products that are not as "inviting" to be littered. Currently,*

*municipalities, and thus tax payers, are covering most of the costs for cleaning up litter in public spaces such as streets, parks and beaches but also rivers and canals. It is fundamentally unfair that citizens pay for the costs of plastic products, which could have been prevented if producers had designed less litter-prone plastic products or had set up more effective collection systems. The "costs to clean up litter" as referred to in article 8, should therefore at least include those cleaning costs which are currently made by public authorities.*

**Emenda 409**
**Margrete Auken**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ikopru l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart li jikkonsisti minn dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu, inklużi l-ispejjeż biex jitnaddaf l-iskart u l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti. | Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ikopru l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart li jikkonsisti minn dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu, inklużi l-ispejjeż biex jitnaddaf l-iskart***, inkluż min-netwerk tad-drenaġġ, l-ispejjeż tal-ġestjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi fil-plastiks*** u l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*A consistent EPR scheme must take into account that the presence of hazardous chemicals in plastics that are used, re-used, recycled and discarded place a burden on waste operators, recyclers and eventually consumers. Waste operators and recyclers face exposure to these substances when handling these plastics and bear the economic costs of decontamination. Consumers are exposed to some of these substances while using and re-using the products.The text remains unclear as to whether the "costs of waste management and clean-up of litter" include waste products disposed of in toilets and ending up in the sewer network. They should be included as they cause economic damage to the sewer network and require waste operators to take additional waste management steps.*

**Emenda 410**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ikopru l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart li jikkonsisti minn dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu, inklużi l-ispejjeż biex jitnaddaf l-iskart u l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti. | Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ikopru l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart li jikkonsisti minn dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu, inklużi l-ispejjeż biex jitnaddaf l-iskart***, l-ispejjeż relatati mat-trattament tal-ilma mniġġes minn dan l-iskart*** u l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti. |

Or. fr

**Emenda 411**
**Massimo Paolucci, Simona Bonafè**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ikopru l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart li jikkonsisti minn dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu, inklużi l-ispejjeż biex jitnaddaf l-iskart u l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti. | Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ikopru l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart li jikkonsisti minn dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu, inklużi l-ispejjeż biex jitnaddaf l-iskart***, inkluż it-tindif tan-netwerk tad-drenaġġ*** u l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti. |

Or. it

**Emenda 412**
**Annie Schreijer-Pierik**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ikopru l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart li jikkonsisti minn dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu, inklużi l-ispejjeż biex jitnaddaf l-iskart u l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti. | Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ikopru l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart li jikkonsisti minn dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu, inklużi l-ispejjeż biex jitnaddaf l-iskart***, inkluż min-netwerk tad-drenaġġ,*** u l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Kjarifika tat-tifsira ta' "l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-iskart u tat-tindif taż-żibel". Dawn jenħtieġ li jinkludu prodotti tal-iskart mormija fit-tojlits u li jispiċċaw fin-netwerk tad-drenaġġ. Dawn jenħtieġ li jiġu inklużi billi jikkawżaw ħsara serja għan-netwerk tad-drenaġġ u jirrikjedu lill-operaturi tal-iskart jieħdu passi tal-ġestjoni tal-iskart addizzjonali.*

**Emenda 413**
**Lynn Boylan, Kateřina Konečná, Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal- | Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal- |

| | |
|---|---|
| plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ikopru l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart li jikkonsisti minn dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu, inklużi l-ispejjeż biex jitnaddaf l-iskart u l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti. | plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ikopru l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart li jikkonsisti minn dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu, inklużi l-ispejjeż biex jitnaddaf l-iskart***, l-ispejjeż tal-ġestjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi fil-plastiks*** u l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti. |

Or. en

**Emenda 414**
**Piernicola Pedicini, Eleonora Evi, Laura Agea**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ikopru l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart li jikkonsisti minn dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu, ***inklużi*** l-ispejjeż ***biex jitnaddaf l-iskart u l-ispejjeż*** tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti. | Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ikopru l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart li jikkonsisti minn dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu, l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti ***u fl-aħħar nett jikkontribwixxu biex ikopru l-ispejjeż biex jitnaddaf l-iskart***. |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*Il-produtturi għandhom jikkontribwixxu għall-ispiża biex jitnaddaf l-iskart iżda din l-ispiża ma tistax taqa' għalkollox fuqhom għaliex il-konsumaturi wkoll huma responsabbli għall-ħolqien tal-iskart.*

**Emenda 415**
**Jørn Dohrmann**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ikopru l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart li jikkonsisti minn dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu, inklużi l-ispejjeż biex jitnaddaf l-iskart u l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti. | Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ikopru l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart ***relatat mal-baħar*** li jikkonsisti minn dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu, inklużi l-ispejjeż biex jitnaddaf l-iskart u l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti EPR jenħtieġ li jkun limitat għaż-żibel fil-baħar billi dan kien il-fokus tal-valutazzjoni tal-impatt u huwa l-għan primarju tad-Direttiva proposta. Id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart diġà tindirizza l-iskart b'mod ġenerali. Il-Premessa (15) hija għaldaqstant riveduta.*

**Emenda 416**
**Renate Sommer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ***ikopru*** l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart li jikkonsisti minn dawk il-prodotti tal-plastik li | Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ***jiffinanzjaw*** l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart li jikkonsisti minn dawk il-prodotti tal-plastik li |

| | |
|---|---|
| jintużaw darba biss u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu, inklużi l-ispejjeż biex jitnaddaf l-iskart u l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti. | jintużaw darba biss u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu, inklużi l-ispejjeż biex jitnaddaf l-iskart u l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti. |

Or. de

**Emenda 417**
**Massimo Paolucci, Jytte Guteland, Renata Briano, Simona Bonafè, Miriam Dalli**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa mill-produtturi tal-plastik li jintuża darba biss fit-twettiq tal-obbligi tagħhom minħabba r-responsabbiltà tal-produttur ikunu mfassla, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari d-durabbiltà, il-possibbiltà ta' tiswija, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' dawn il-prodotti.*** |

Or. it

**Emenda 418**
**Piernicola Pedicini, Eleonora Evi, Laura Agea, Dario Tamburrano**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri ta' sanzjonar li jikkastigaw lill-konsumaturi li jferrxu l-iskart fl-ambjent u fl-istess waqt għandhom jipprevedu inċentivi ekonomiċi għal dawk iċ-ċittadini li b'mod volontarju jimpenjaw ruħhom biex inaddfu l-ispazji pubbliċi.*** |

Or. it

**Emenda 419**
**Mark Demesmaeker**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-ispejjeż li jridu jiġu koperti m'għandhomx jaqbżu l-ispejjeż li huma meħtieġa biex jiġu pprovduti dawk is-servizzi b'mod kosteffiċjenti u għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti bejn l-atturi kkonċernati.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li jiġu enfasizzati l-prinċipji tal-kosteffiċjenza u t-trasparenza.*

**Emenda 420**
**Karl-Heinz Florenz, Giovanni La Via, Francesc Gambús, Birgit Collin-Langen, Peter Liese**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għal prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma imballaġġ, ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-paragrafu ***jissupplementaw ir-rekwiżiti*** rigward skemi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur stabbiliti fid-Direttiva 94/62/KEE u fid-Direttiva 2008/98/KE. | Għal prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma imballaġġ, ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-paragrafu ***huma mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti*** rigward skemi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur stabbiliti fid-Direttiva 94/62/KEE u fid-Direttiva 2008/98/KE. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-ġlieda kontra t-tixrid taż-żibel jenħtieġ li tkun sforz bejn l-awtoritajiet kompetenti, il-produtturi u l-konsumaturi. Il-problema tat-tixrid taż-żibel mhijiex solvuta permezz ta' pagamenti tal-produtturi għall-ispejjeż tat-tindif iżda permezz ta' mġiba differenti tal-konsumatur li tinkiseb billi l-konsumaturi jiġu edukati u bl-infurzar tal-leġiżlazzjoni eżistenti. Il-prevenzjoni tat-tixrid taż-żibel hija ħafna aktar effettiva.*

**Emenda 421**
**Pilar Ayuso**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għal prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma imballaġġ, ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-paragrafu ***jissupplementaw ir-rekwiżiti*** rigward skemi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur stabbiliti fid-Direttiva 94/62/KEE u fid-Direttiva 2008/98/KE. | Għal prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma imballaġġ, ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-paragrafu ***huma mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti*** rigward skemi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur stabbiliti fid-Direttiva 94/62/KEE u fid-Direttiva 2008/98/KE. |

Or. en

**Emenda 422**
**Frédérique Ries**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur ikunu stabbiliti għal irkaptu tas-sajd li fih il-plastik imqiegħed fis-suq tal-Unjoni, skont id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur tad-Direttiva 2008/98/KE. | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur ikunu stabbiliti għal irkaptu tas-sajd li fih il-plastik imqiegħed fis-suq tal-Unjoni, skont id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur tad-Direttiva 2008/98/KE. ***L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex, sal-2025, jiġbru b'mod separat, ammont ta' skart tal-irkaptu tas-sajd li jammonta*** |

| | |
|---|---|
| | ***għal 70 % tat-tali prodotti tal-plastik imqiegħda fis-suq f'sena partikolari skont il-piż.*** <br><br> ***Huma għandhom jiżguraw ukoll li dawk l-iskemi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur jiksbu mira ta' riċiklaġġ ta' mill-inqas 15 % għal irkaptu tas-sajd sal-2025. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri jistgħu barra minn hekk jirrikjedu li l-iskemi fost l-oħrajn:*** <br><br> ***(a) jistabbilixxu skemi ta' rimborż tad-depożitu biex jinkoraġġixxu r-ritorn ta' rkaptu tas-sajd qadim, mitluq jew li ma jistax jintuża ħlief f'portijiet żgħar mingħajr ekwipaġġ jew f'portijiet li jinsabu f'postijiet remoti;*** <br><br> ***(b) jinkludu programmi ta' monitoraġġ, traċċar u rapportar; kif ukoll*** <br><br> ***(c) ikopru l-operazzjonijiet ta' rkupru.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda żżid mira ta' ġbir separat għal irkaptu tas-sajd ta' 70 % sal-2025 mal-emenda 33 diġà mressqa mir-rapporteur fl-abbozz ta' rapport tagħha ppubblikat fl-10 ta' Lulju 2018.*

**Emenda 423**
**Lynn Boylan, Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur ikunu stabbiliti għal irkaptu tas-sajd li fih il-plastik imqiegħed fis-suq tal-Unjoni, skont id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur tad-Direttiva 2008/98/KE. | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur ikunu stabbiliti għal irkaptu tas-sajd li fih il-plastik imqiegħed fis-suq tal-Unjoni, skont id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur tad-Direttiva 2008/98/KE ***flimkien mar-*** |

| | |
|---|---|
| | ***rekwiżiti li ġejjin:*** |
| | ***(a) jiġu mmodulati kontribuzzjonijiet finanzjarji biex jiġi promoss it-tqegħid fis-suq ta' rkaptu tas-sajd maħsub għar-riutilizzazzjoni u r-riċiklaġġ;*** |
| | ***(b) jiġu stabbiliti skemi ta' rimborż tad-depożitu biex jinkoraġġixxu r-ritorn ta' rkaptu tas-sajd li m'għadux jintuża;*** |
| | ***(c) jiġu inklużi programmi ta' monitoraġġ, traċċar u rapportar; u*** |
| | ***(d) tinkiseb mira ta' riċiklaġġ ta' mill-inqas 25 % għall-irkaptu tas-sajd sal-2025 u 75 % sal-2030.*** |

Or. en

**Emenda 424**
**Karl-Heinz Florenz, Annie Schreijer-Pierik, Francesc Gambús, Birgit Collin-Langen, Peter Liese**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur ikunu stabbiliti għal irkaptu tas-sajd li fih il-plastik imqiegħed fis-suq tal-Unjoni, skont id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur tad-Direttiva 2008/98/KE. | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur ikunu stabbiliti għal irkaptu tas-sajd li fih il-plastik imqiegħed fis-suq tal-Unjoni, skont id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur tad-Direttiva 2008/98/KE. |
| | ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw fuq dik il-bażi li rata minima ta' ġbir ta' rkaptu tas-sajd li fih il-plastik tinkiseb kull sena. Mill-2025 ir-rata minima ta' ġbir għandha tkun ta' 35 % ikkalkulata abbażi tal-piż totali tal-irkaptu tas-sajd miġbur f'sena partikolari f'dak l-Istat Membru kkonċernat, espressa bħala perċentwali tal-piż medju tal-irkaptu tas-sajd imqiegħed fis-suq f'dak l-Istat Membru fit-tliet snin ta' qabel.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-plastik fil-baħar mill-irkaptu tas-sajd jammonta għal 27 % tal-oġġetti tal-iskart fil-baħar u huwa stmat għal 11.000 tunnellata fis-sena. Minħabba l-Valutazzjoni tal-Impatt hemm evidenza li l-irkaptu tas-sajd huwa abbandunat u mormi fuq skala sinifikanti. Għalhekk mira ta' ġbir li titqies neċessarja hija bbażata fuq responsabbiltà estiża tal-produttur. Din tista' tinkiseb kif ippruvat mill-Iżlanda li ilha tiġbor u tirriċikla l-irkaptu tas-sajd b'suċċess sa mill-2006.*

**Emenda 425**
**Michèle Rivasi**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur ikunu stabbiliti għal irkaptu tas-sajd li fih il-plastik imqiegħed fis-suq tal-Unjoni, skont id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur tad-Direttiva 2008/98/KE. | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur ikunu stabbiliti għal irkaptu tas-sajd li fih il-plastik imqiegħed fis-suq tal-Unjoni, skont id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur tad-Direttiva 2008/98/KE. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn l-objettivi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur jiksbu mira ta' riċiklaġġ ta' mill-inqas 40 % għall-irkaptu tas-sajd sal-2025 u ta' mill-inqas 80 % sal-2030.*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Dan l-objettiv huwa fattibbli sabiex jiġi żgurat l-aktar tnaqqis effiċjenti fl-iskart tal-baħar minn irkaptu tas-sajd li fih il-plastik, filwaqt li jitqiesu l-aħjar prattiki tal-Iżlanda, jiġifieri mira ta' riċiklaġġ ta' 45 % stabbilita fl-2006, li llum qed jiġi stmat li laħqet irkupru ta' 85 %, kemm għax-xbieki kif ukoll għax-xlief.*

**Emenda 426**
**Renate Sommer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 4 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 3, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' rkaptu tas-sajd li fih il-plastik għandhom ***ikopru*** l-ispejjeż tal-ġbir tal-irkaptu tas-sajd skartat li fih il-plastik li twassal fil-faċilitajiet adegwati tal-akkoljenza fil-portijiet skont il-liġi tal-Unjoni dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet jew f'sistemi ta' ġbir ekwivalenti oħrajn li jaqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu. Il-produtturi għandhom ikopru wkoll l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 dwar l-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik. | Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 3, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' rkaptu tas-sajd li fih il-plastik għandhom ***jiffinanzjaw*** l-ispejjeż tal-ġbir tal-irkaptu tas-sajd skartat li fih il-plastik li twassal fil-faċilitajiet adegwati tal-akkoljenza fil-portijiet skont il-liġi tal-Unjoni dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet jew f'sistemi ta' ġbir ekwivalenti oħrajn li jaqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu. Il-produtturi għandhom ikopru wkoll l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 dwar l-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik. |

Or. de

**Emenda 427**
**Massimo Paolucci, Simona Bonafè**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 4 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa mill-produtturi tal-irkaptu tas-sajd li fihom il-plastik fit-twettiq tal-obbligi tagħhom minħabba r-responsabbiltà tal-produttur ikunu mfassla, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari d-durabbiltà, il-possibbiltà ta' tiswija, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' dan l-irkaptu tas-sajd.*** |
| | ***Fir-rigward tax-xbieki tas-sajd, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw jekk jintegrawx l-iskemi tar-responsabbiltà*** |

| | |
|---|---|
| | ***estiża tal-produttur mal-iskemi tar-rimborż tad-depożitu li jitfasslu b'mod li jqisu r-riskju ta' telf aċċidentali fil-baħar tax-xbieki li tqiegħdu fis-suq jew ta' partijiet minnhom.*** |

Or. it

**Emenda 428**
**Frédérique Ries**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 4 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Mingħajr preġudizzju għall-miżuri tekniċi fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98, il-Kummissjoni għandha titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex jiżviluppaw standards armonizzati relatati mad-disinn ċirkolari ta' rkaptu tas-sajd biex jinkoraġġixxu t-tħejjija għall-użu mill-ġdid u tiġi ffaċilitata r-riċiklabbiltà fi tmiem il-ħajja.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-irkaptu tas-sajd huwa skont id-definizzjoni ddisinjat biex iservi. F'dan ir-rigward huwa importanti li jiġu stabbiliti standards armonizzati fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex jiġi ffaċilitat ir-riċiklaġġ fi tmiem il-ħajja tal-irkaptu tas-sajd imqiegħed fis-suq tal-UE.*

**Emenda 429**
**Tiemo Wölken**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Mingħajr preġudizzju għall-miżuri*** |

***teknići fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98, il-Kummissjoni għandha titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex jiżviluppaw standards armonizzati relatati mad-disinn ċirkolari ta' rkaptu tas-sajd biex jinkoraġġixxu t-tħejjija għar-riutilizzazzjoni u tiġi żgurata r-riċiklabbiltà fi tmiem il-ħajja.***

Or. en

**Emenda 430**
**Lynn Boylan, Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. B'mod konformi mad-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur fid-Direttiva 2008/98/KE, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa mill-produttur biex jikkonforma mal-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur tiegħu huma mmodulati, għal prodotti jew gruppi individwali ta' prodotti simili, b'mod partikolari billi jitqiesu d-durabbiltà, il-proprjetajiet ta' tiswija, il-possibbiltà ta' użu mill-ġdid u r-riċiklabbiltà tagħhom u l-preżenza ta' sustanzi perikolużi u b'hekk jieħdu approċċ ta' ċiklu tal-ħajja u jiġu allinjati mar-rekwiżiti stabbiliti mid-dritt rilevanti tal-Unjoni, u meta disponibbli, abbażi ta' kriterji armonizzati.*** |
| | ***L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li hija fis-seħħ sistema ta' rapportar biex tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku i) il-kwantità tal-prodotti mqiegħda fis-suq u l-flussi tal-iskart li jirriżultaw minnhom*** |
| | ***(ii) il-kontribuzzjoni finanzjarja mħallsa*** |

***mill-produtturi ta' prodotti għal kull unità mibjugħa jew għal kull tunnellata ta' prodott imqiegħda fis-suq; (iii) l-allokazzjoni tal-prevenzjoni u l-ġestjoni finanzjarja; u***

***(iv) il-punt sa fejn l-iskema(i) tnaqqas/inaqqsu l-ammont ta' plastik fl-iskart residwu.***

Or. en

**Emenda 431**
**Lynn Boylan, Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 4b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. Il-Kummissjoni għandha tippubblika linji gwida, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, dwar il-modulazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji msemmija fid-Direttiva 2008/98/KE (l-Artikolu 8a(4)) għall-prodotti tal-plastik elenkati fil-Parti E tal-Anness. Meta meħtieġ biex tiġi evitata d-distorsjoni tas-suq intern, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi kriterji bil-ħsieb li jiġi applikat b'mod uniformi l-punt b tal-paragrafu 4 tal-Artikolu 8a(4) tad-Direttiva 2008/98/KE fir-rigward tal-iskemi stabbilit skont l-Artikolu 8.*** |

Or. en

**Emenda 432**
**Tiemo Wölken**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 8a*** |
| | ***Il-prevenzjoni tat-Telf tal-Irkaptu tas-Sajd*** |
| | ***Il-kaptan tal-bastiment tas-sajd li jidħol f'port fi Stat Membru għandu jieħu l-prekawzjonijiet raġonevoli kollha sabiex jiġi evitat it-telf tal-irkaptu tas-sajd. Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni uniformi, għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex jiġu stabbiliti l-prekawzjonijiet raġonevoli kollha li jridu jittieħdu biex jiġi evitat it-telf tal-irkaptu tas-sajd. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'mod konformi mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2).*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*In addition to Although fishing vessels are supposed to undertake "all reasonableprecautions" to prevent losses of fishing gear under Annex V of the MARPOLConvention, the specific precautions that must be undertaken are not set out inUnion law. Examplesof reasonable precautions by fishermen include:reduced soaktimes;gear uselimits in high-risk areas and during high-risk times;markingfishing gear for identification and location; responsiblestorage of gear, allowing for the adequate handling and storage space onvessels for both usable and redundant fishing gear (and other marine litter) tominimise accidental loss and the need to discard unwanted gear;reporting oflost gear, which can also include attaching buoys to enable future location andrecovery and geotagging specific location of loss;guidance onlost / abandoned gear location and retrieval, which could include adequatetraining for the safe recovery of lost gear and the provision of adequateequipment both on vessels and for lease in port to facilitate the proactiverecovery of lost gear, as well as training into the impacts of lost gear andthe main pathways to gear loss;fishingoperators should be prepared, equipped and given incentives to recover theirgear if lost or abandoned, including the carrying of retrieval tools andadvance training of crew of their use;ifthe gear cannot be recovered, it should be reported through the agreed channelsto the relevant authority giving details of the gear and its last knownposition, in particular since gear presents a specific navigation risk; and, ifnecessary, a trained removal team should be dispatched.*

**Emenda 433**
**Pilar Ayuso**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ġbir ***separat*** | Ġbir |

Or. en

**Emenda 434**
**Paul Brannen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex, sal-2025, jiġbru b'mod separat, ammont ta' skart tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti F tal-Anness li jammonta għal 90 % tat-tali prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, imqiegħda fis-suq f'sena partikolari skont il-piż. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri jistgħu inter alia: | L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex, sal-2025, jiġbru b'mod separat, ammont ta' skart tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti F tal-Anness li jammonta għal 90 % tat-tali prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, imqiegħda fis-suq f'sena partikolari skont il-piż. ***Għall-prodotti fil-punt ba) l-ammont ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss miġbura bħala % ta' dawk imqiegħda fis-suq fis-sena partikolari huwa proporzjonat għat-tul ta' ħajja standard tal-prodott.*** Sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri jistgħu inter alia: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Xi tipi ta' prodotti tal-plastik agrikoli jintużaw darba biss, iżda jistgħu jiġu applikati wkoll għal perjodu itwal minn sena (imġedded jew applikat kull sena, darba kull tliet snin, eċċ). Sabiex jiġu introdotti prodotti tal-plastik speċifikament agrikoli minħabba l-ispeċifiċità tagħhom, tiġi introdotta emenda li tirrikonoxxi tul ta' żmien itwal minn sena għall-finijiet ta' dan l-Artikolu.*

**Emenda 435**
**Simona Bonafè, Damiano Zoffoli, Soledad Cabezón Ruiz**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex, ***sal-2025***, jiġbru b'mod separat, ammont ta' skart tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti F tal-Anness li jammonta għal 90 % tat-tali prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, imqiegħda fis-suq f'sena partikolari skont il-piż. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri jistgħu inter alia: | L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex, ***sal-31 ta' Diċembru 2025***, jiġbru b'mod separat, ammont ta' skart tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti F tal-Anness li jammonta għal 90 % tat-tali prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, imqiegħda fis-suq f'sena partikolari skont il-piż ***u mill-inqas 70 % ta' dan l-iskart skont il-piż se jiġi rriċiklat abbażi tar-regoli għall-kisba tal-miri ddefiniti fl-Artikolu 6(a) tad-Direttiva 94/62/KE***. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri jistgħu inter alia: |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*Il-miri biex l-iskart tal-plastik li jirriżulta minn fliexken tax-xorb jinġabar b'mod separat għandhom jiġu integrati, f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart, permezz ta' miri ta' riċiklaġġ b'mod li jiffavorixxi t-trattament tagħhom f'livelli ogħla tal-ġerarkija.*

**Emenda 436**
**Massimo Paolucci, Simona Bonafè**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex, sal-2025, jiġbru b'mod separat, ammont ta' skart tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti F tal-Anness li jammonta għal 90 % tat-tali prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, imqiegħda fis-suq f'sena partikolari skont il-piż. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, l- | ***Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2008/98/KE,*** l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex, sal-2025, jiġbru b'mod separat, ammont ta' skart tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti F tal-Anness li jammonta għal 90 % tat-tali prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, imqiegħda |

| | |
|---|---|
| Istati Membri jistgħu inter alia: | fis-suq f'sena partikolari skont il-piż. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri jistgħu inter alia: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda hija marbuta ma' dik li tintroduċi premessa 20(a) ġdida u hija intenzjonata biex toħloq rabta mad-Direttiva 2008/98 u d-dispożizzjonijiet tagħha dwar il-ġbir separat.*

**Emenda 437**
**Margrete Auken**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex, sal-2025, jiġbru b'mod separat, ammont ta' skart tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti F tal-Anness li jammonta għal 90 % tat-tali prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, imqiegħda fis-suq f'sena partikolari skont il-piż. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri ***jistgħu*** inter alia: | L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex, sal-2025, jiġbru b'mod separat, ammont ta' skart tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti F tal-Anness li jammonta għal 90 % tat-tali prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, imqiegħda fis-suq f'sena partikolari skont il-piż***, u jiżguraw li jiġu rriċiklati***. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri ***għandhom*** inter alia: |

Or. en

**Emenda 438**
**Christophe Hansen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex, sal-2025, jiġbru b'mod separat, ammont ta' skart tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil- | L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex, sal-2025, jiġbru b'mod separat, ammont ta' skart tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil- |

| | |
|---|---|
| Parti F tal-Anness li jammonta għal 90 % tat-tali ***prodotti*** tal-plastik li jintużaw darba biss***, imqiegħda fis-suq*** f'sena partikolari skont il-piż. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri jistgħu inter alia: | Parti F tal-Anness li jammonta għal 90 % tat-tali ***skart maħluq mill-prodotti*** tal-plastik li jintużaw darba biss ***iġġenerat*** f'sena partikolari skont il-piż. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri jistgħu inter alia: |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Il-fatt li prodott jitqiegħed fis-suq fi Stat Membru ma jfissirx li dan jintuża wkoll fit-territorju ta' dak l-istess Stat Membru. Għaldaqstant, jista' jkun diffiċli li jintlaħqu l-miri tal-ġbir selettiv, speċjalment minn Stati Membri żgħar jew minn Stati Membri b'bilanċ kummerċjali pożittiv fil-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss.*

**Emenda 439**
**Elisabetta Gardini**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex, sal-2025, jiġbru b'mod separat, ammont ta' skart tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti F tal-Anness li jammonta għal 90 % tat-tali prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, imqiegħda fis-suq f'sena partikolari skont il-piż. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri jistgħu inter alia: | L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex, sal-2025, jiġbru b'mod separat, ammont ta' skart tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti F ***/ i*** tal-Anness li jammonta għal 90 % tat-tali prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, imqiegħda fis-suq f'sena partikolari skont il-piż. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri jistgħu inter alia: |

Or. en

**Emenda 440**
**Jadwiga Wiśniewska, Bolesław G. Piecha**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex, sal-2025, jiġbru b'mod separat, ammont ta' skart tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti F tal-Anness li jammonta għal ***90 %*** tat-tali prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, imqiegħda fis-suq f'sena partikolari skont il-piż. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri jistgħu inter alia: | L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex, sal-2025, jiġbru b'mod separat, ammont ta' skart tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti F tal-Anness li jammonta għal ***70 %*** tat-tali prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, imqiegħda fis-suq f'sena partikolari skont il-piż. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri jistgħu inter alia: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-mira proposta ta' 90 % hija għolja b'mod mhux realistiku.*

**Emenda 441**
**Pilar Ayuso**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex, sal-2025, jiġbru ***b'mod separat,*** ammont ta' skart tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti F tal-Anness li jammonta għal 90 % tat-tali prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, imqiegħda fis-suq f'sena partikolari skont il-piż. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri jistgħu inter alia: | L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex, sal-2025, jiġbru ammont ta' skart tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti F tal-Anness li jammonta għal 90 % tat-tali prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, imqiegħda fis-suq f'sena partikolari skont il-piż. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri jistgħu inter alia: |

Or. en

**Emenda 442**
**Piernicola Pedicini, Eleonora Evi, Laura Agea, Dario Tamburrano**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex, sal-2025, jiġbru b'mod separat, ammont ta' skart tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti F tal-Anness li jammonta għal 90 % tat-tali prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, imqiegħda fis-suq f'sena partikolari skont il-piż. ***Sabiex jintlaħaq dan*** l-għan, l-Istati Membri ***jistgħu inter alia***: | L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex, sal-2025, jiġbru b'mod separat, ammont ta' skart tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti F tal-Anness li jammonta għal 90 % tat-tali prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, imqiegħda fis-suq f'sena partikolari skont il-piż. ***Għal dak*** l-għan, l-Istati Membri ***għandhom***: |

Or. it

**Emenda 443**
**Piernicola Pedicini, Eleonora Evi, Laura Agea, Dario Tamburrano**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jistabbilixxu skemi tar-rimborż tad-depożitu, ***jew*** | (a) jistabbilixxu skemi tar-rimborż tad-depożitu, ***u/jew*** |

Or. it

**Emenda 444**
**Pilar Ayuso**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) jistabbilixxu miri tal-ġbir ***separat*** għall-iskemi rilevanti ta' responsabbiltà estiża tal-produttur. | (b) jistabbilixxu miri tal-ġbir għall-iskemi rilevanti ta' responsabbiltà estiża tal-produttur. |

Or. en

**Emenda 445**
**Andrzej Grzyb**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(ba) jimplimentaw miżuri li jiżguraw li alternattivi riutilizzabbli għal dawk il-prodotti jkunu disponibbli fil-punt tal-bejgħ lill-konsumatur finali fejn xieraq u filwaqt li jitqiesu l-iġjene tal-ikel, is-saħħa pubblika u kunsiderazzjonijiet tas-sikurezza tal-konsumatur.*** |

Or. en

**Emenda 446**
**Paul Brannen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(ba) jistabbilixxu punti ta' ġbir separat għall-klassijiet u l-materjali l-aktar użati u skart tal-prodotti tal-plastik ġeografikament u/jew staġjonalment ikkonċentrati, b'mod partikolari l-iskart tal-prodotti tal-plastik agrikoli*** |

Or. en

**Emenda 447**
**Margrete Auken, Tilly Metz**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(ba) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fliexken tal-plastik isiru*** |

| | |
|---|---|
| | ***b'kontenut riċiklat ta' mill-inqas 60 % sal-2025 u kontenut riċiklat ta' mill-inqas 70 % sal-2030.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jitnaqqas b'mod effettiv l-ammont ta' fliexken tal-plastik li jintużaw darba biss mormija fl-ambjent, huwa importanti li tinħoloq domanda għal fliexken tal-plastik mormija. Bl-iffissar ta' mira għolja ta' kontenut riċiklat għal fliexken tal-plastik ġodda, il-produtturi se jiżviluppaw is-sistemi l-aktar effettivi għal ġbir separat ta' fliexken tal-plastik. Sistema ta' ġbir separat bħal din tipprevjeni li l-fliexken tal-plastik jispiċċaw mormija fl-ambjent. Hemm eżempji ta' fliexken tal-plastik li jkun fihom kontenut riċiklat ta' 80 % jew anke 100 %.*

**Emenda 448**
**Danilo Oscar Lancini**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) jużaw inċentivi ekonomiċi.*** |

Or. it

**Emenda 449**
**Elisabetta Gardini**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom jidentifikaw il-volum ta' prodotti elenkati fil-Part F / ii tal-Anness imqiegħda fis-suq f'sena partikolari skont il-piż u n-natura tat-tixrid taż-żibel ikkawżat mill-użu ta' dawk il-prodotti fuq it-territorji tagħhom b'mod konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 9(1)(k) tad-Direttiva 2008/98/KE, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/851*** |

| | |
|---|---|
| | ***tat-30.5.2018. Abbażi ta' dan, u fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiġbru b'mod separat il-prodotti elenkati fil-Parti F / ii tal-Anness. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miri nazzjonali progressivi għall-ġbir separat ta' dan l-iskart magħmul minn prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq f'sena partikolari skont il-piż. Miri progressivi għandhom jintlaħqu sal-2025, sal-2030 u sal-2035 biex jinkiseb ġbir separat ta' mhux inqas minn 75 %.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Tnaqqis fil-konsum tas-suq u restrizzjonijiet ta' prodotti użati għall-imballaġġ u biex jiġu servuti ikel u xorb se jirriżultaw f'riskji mhux intenzjonati għall-iġjene tal-ikel, is-saħħa pubblika u s-sikurezza tal-konsumatur u se jwasslu għal telf ta' impjiegi bla bżonn. Minflok, jenħtieġ li jiġu attivati u msaħħa d-dispożizzjonijiet eżistenti tad-Direttiva 2008/KE/98 u d-Direttiva 94/62/KE: il-promozzjoni xierqa tar-riutilizzazzjoni mingħajr ma jitpoġġew f'riskju l-iġjene tal-ikel, is-saħħa pubblika u s-sikurezza tal-konsumatur; il-ġbir separat; ir-riċiklaġġ u l-prevenzjoni tat-tixrid taż-żibel*

**Emenda 450**
**Pilar Ayuso**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Meta jsir użu minn kwalunkwe waħda minn dawn l-għażliet jew strumenti ekonomiċi oħra bħal*** dawk indikati ***fl-Anness IVa għad-Direttiva 2008/98/KE, l-Istati Membri għandhom juru li l-miżura inkwistjoni m'għandhiex impatt fuq il-ġbir separat u r-riċiklaġġ ta' materjali tal-imballaġġ oħra, hija adegwata biex jinkiseb l-għan tal-prevenzjoni u t-tnaqqis tat-tixrid taż-żibel fl-ambjent naturali u tal-baħar, u ma tikkostitwixxix restrizzjoni*** |

*fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.*

***L-Istati Membri għandhom iwettqu valutazzjoni ex-ante tal-impatt soċjali, ekonomiku u ambjentali tal-miżura meħtieġa biex tintlaħaq il-mira.***

Or. en

**Emenda 451**
**Andrzej Grzyb**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jekk ikun meħtieġ, qabel l-implimentazzjoni tal-miżuri elenkati fil-punti a sa c ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw il-volum ta' prodotti elenkati fil-Part F tal-Anness imqiegħda fis-suq f'sena partikolar skont il-piż u n-natura tat-tixrid taż-żibel ikkawżat mill-użu ta' dawk il-prodotti fit-territorji tagħhom b'mod konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 9(1)(k) tad-Direttiva 2008/98/KE, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/851 tat-30.5.2018.*** |

Or. en

**Emenda 452**
**Françoise Grossetête, Michel Dantin, Angélique Delahaye**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Dawn is-sistemi differenti ta' ġbir m'għandhomx jaffettwaw il-funzjonament tal-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur li diġà jeżistu f'kull Stat Membru. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea għandha wkoll*** |

| | |
|---|---|
| | ***tistabbilixxi linji gwida għall-Istati Membri li jixtiequ jippromwovu d-depożitu.*** |

Or. fr

**Emenda 453**
**Massimo Paolucci, Simona Bonafè**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u biex tevita distorsjonijiet tas-suq intern, għandha tippubblika linji gwida dwar ir-rekwiżiti ġenerali minimi marbuta mal-iskemi tar-rimborż tad-depożitu.*** |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tibni fuq id-Direttiva (UE) 2018/851 li timmodifika d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart fir-rigward tar-rekwiżiti ġenerali minimi marbuta mar-responsabbiltà estiża tal-produttur. Il-mira hija li jkun hemm approċċ simili f'dak li jirrigwarda l-iskemi tar-rimborż tad-depożitu.*

**Emenda 454**
**Elisabetta Gardini**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom:*** |
| | ***(a) jistabbilixxu miri tal-ġbir separat għall-iskemi rilevanti ta' responsabbiltà estiża tal-produttur;*** |

| | |
|---|---|
| | ***(b) jimplimentaw miżuri li jiżguraw li alternattivi riutilizzabbli għal dawk il-prodotti jkunu disponibbli fil-punt tal-bejgħ lill-konsumatur finali fejn xieraq u filwaqt li jitqiesu l-iġjene tal-ikel, is-saħħa pubblika u kunsiderazzjonijiet tas-sikurezza tal-konsumatur.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Tnaqqis fil-konsum tas-suq u restrizzjonijiet ta' prodotti użati għall-imballaġġ u biex jiġu servuti ikel u xorb se jirriżultaw f'riskji mhux intenzjonati għall-iġjene tal-ikel, is-saħħa pubblika u s-sikurezza tal-konsumatur u se jwasslu għal telf ta' impjiegi bla bżonn. Minflok, jenħtieġ li jiġu attivati u msaħħa d-dispożizzjonijiet eżistenti tad-Direttiva 2008/KE/98 u d-Direttiva 94/62/KE: il-promozzjoni xierqa tar-riutilizzazzjoni mingħajr ma jitpoġġew f'riskju l-iġjene tal-ikel, is-saħħa pubblika u s-sikurezza tal-konsumatur; il-ġbir separat; ir-riċiklaġġ u l-prevenzjoni tat-tixrid taż-żibel*

**Emenda 455**
**Pilar Ayuso**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Filwaqt li l-obbligu tal-ġbir separat tal-iskart jirrikjedi li l-iskart jinżamm separat skont it-tip u n-natura tiegħu, jenħtieġ li jkun possibbli li ċerti tipi ta' skart jinġabru flimkien sakemm dan ma jkunx jimpedixxi li jsir riċiklaġġ ta' kwalità għolja jew irkupru ieħor tal-iskart, f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart.*** |

Or. en

**Emenda 456**
**Massimo Paolucci, Renata Briano, Simona Bonafè, Miriam Dalli**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 9a*** |
| | ***Skart mistad b'mod passiv*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jadottaw pjan nazzjonali biex jiżguraw li l-portijiet kollha fejn jistgħu jirmeġġaw il-bastimenti tas-sajd huma kapaċi jiżguraw il-ġbir u t-trattament suċċessiv tal-iskart mistad b'mod passiv waqt l-attività normali tas-sajd sabiex iħeġġu s-separazzjoni, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tiegħu.*** |
| | ***2. Dawn il-pjanijiet jenħtieġ li jiġu stabbiliti skont il-linji gwida stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni OSPAR 2016/1 dwar it-tnaqqis tal-iskart marittimu permezz tal-implimentazzjoni tal-inizjattivi ta' sajd għall-iskart (fishing for litter).*** |
| | ***3. Minbarra r-riżorsi disponibbli mill-FEMS, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu u jżommu fond nazzjonali sabiex jappoġġjaw il-ġbir tal-iskart mistad b'mod passiv mill-bastimenti tas-sajd. Il-fond jista' jintuża biex jiżgura l-funzjonament tal-inizjattivi ta' sajd għall-iskart, inkluża d-disponibbiltà ta' strutturi ta' ħżin tal-iskart abbord, il-monitoraġġ tal-iskart mistad b'mod passiv, it-taħriġ, il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni volontarja fl-inizjattiva u l-ispejjeż tat-trattament tal-iskart, kif ukoll biex ikopri l-ispejjeż tal-persunal meħtieġ għall-funzjonament ta' tali skemi.*** |
| | ***4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data dwar il-kwantità ta' skart mistad b'mod passiv tiġi aggregata u miżmuma f'bażi tad-data reġjonali jew nazzjonali għall-finijiet ta' monitoraġġ u ta' valutazzjoni. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-istabbiliment tal-fondi nazzjonali tagħhom sal-31 ta' Diċembru [sentejn wara d-data finali għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva] u wara, kull sentejn,*** |

| | |
|---|---|
| | ***għandhom jissottomettu rapporti dwar l-attivitajiet iffinanzjati skont dan l-Artikolu.*** |

Or. it

**Emenda 457**
**Inés Ayala Sender, Clara Eugenia Aguilera García**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 9a*** |
| | ***Skemi ta' inċentivi*** |
| | ***1. L-Istati Membri se jinkludu fil-programmi operattivi ffinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS), appoġġ finanzjarju għat-tħejjija ta' pjan ta' azzjoni, flimkien mal-organizzazzjonijiet ta' produtturi, assoċjazzjonijiet ta' sidien ta' bastimenti, entitajiet pubbliċi, organizzazzjonijiet għall-konservazzjoni tal-ambjent u s-settur ikkonċernat kollu. F'dan is-sens, se jiġu inklużi miżuri għall-irkupru ta' skart u rkaptu tas-sajd, kif ukoll it-titjib tal-infrastruttura tal-ġestjoni tal-iskart u l-proċessi ta' ġestjoni f'bastimenti u portijiet.*** |
| | ***2. L-Istati Membri se jistabbilixxu fil-portijiet sistema ta' depożitu, irtirar u ritorn tax-xbieki tas-sajd li se tiġi inkluża fil-pjan ta' azzjoni stabbilit skont il-paragrafu 1.*** |
| | ***3. L-Istati Membri se jistabbilixxu sistema ta' kontroll u reġistrazzjoni ta' xbieki li se tiġi inkluża fil-pjan ta' azzjoni stabbilit skont il-paragrafu 1.*** |
| | ***4. L-Istati Membri se jfasslu l-appoġġ għar-R&Ż għall-iżvilupp ta' xbieki aktar traċċabbli u li jniġġsu inqas fil-forma ta' inċentivi għal kumpaniji li jimmanifatturaw l-irkaptu tas-sajd. Se*** |

| | |
|---|---|
| | ***jiġu inklużi investimenti fl-iżvilupp ta' materjali ġodda b'inqas impatt fuq l-ambjent.*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Kif stabbilit fil-premessa 16, jinħtieġu inċentivi għall-operaturi biex jippromwovu kultura ta' protezzjoni tal-ambjent tal-baħar, biex inaqqsu progressivament l-iskart fil-baħar u biex jeliminaw it-telf ta' xbieki fil-baħar.*

**Emenda 458**
**Massimo Paolucci, Jytte Guteland, Simona Bonafè**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu -1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jinfurmaw lill-konsumaturi tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti B tal-Anness ir-raġunijiet għar-restrizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq tagħhom qabel ma dawn jidħlu fis-seħħ.*** |

Or. it

**Emenda 459**
**Jan Huitema, Gerben-Jan Gerbrandy, Frédérique Ries**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex ***jinfurmaw lill-konsumaturi*** tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti G tal-Anness u tal-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik dwar dawn li ġejjin: | L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex ***jinċentivaw imġiba responsabbli mill-konsumaturi*** tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti G tal-Anness u tal-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik***, kif ukoll biex jinfurmawhom*** dwar dawn li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 460**
**Karl-Heinz Florenz, Annie Schreijer-Pierik, Francesc Gambús, Birgit Collin-Langen, Peter Liese**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (a) ***is-sistemi disponibbli*** għall-użu mill-ġdid u l-għażliet għall-ġestjoni tal-iskart għal dawk il-prodotti u għal dak l-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik kif ukoll l-aqwa prattiki tal-ġestjoni tajba tal-iskart imwettqa skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/98/KE; | (a) ***id-disponibbiltà ta' alternattivi riutilizzabbli u s-sistemi*** għall-użu mill-ġdid u l-għażliet għall-ġestjoni tal-iskart għal dawk il-prodotti u għal dak l-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik kif ukoll l-aqwa prattiki tal-ġestjoni tajba tal-iskart imwettqa skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/98/KE; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tiġi influwenzata l-imġiba tal-konsumatur billi tiġi pprovduta informazzjoni dwar alternattivi riutilizzabbli attwali għall-plastiks li jintużaw darba biss hija importanti sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu għażla infurmata.*

**Emenda 461**
**Lynn Boylan, Kateřina Konečná, Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(aa) l-alternattivi disponibbli li huma riutilizzabbli*** |

Or. en

**Emenda 462**
**Margrete Auken, Tilly Metz**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-impatt tat-tixrid taż-żibel u ta' rimi ieħor inadegwat ***tal-iskart*** ta' dawk il-prodotti ***u ta' dak l-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik, u b'mod partikolari fuq l-ambjent marin.*** | (b) l-impatt ***ta' dawk il-prodotti tal-plastik u tal-irkaptu tas-sajd u l-kompożizzjoni kimika tiegħu, fuq l-ambjent, u b'mod partikolari fuq l-ambjent akwatiku u terrestri kif ukoll fuq is-saħħa tal-bniedem, b'mod partikolari l-impatt*** tat-tixrid taż-żibel u ta' rimi ieħor inadegwat ta' dawk il-prodotti |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Iċ-ċittadini jenħtieġ li jiġu infurmati dwar l-impatti tal-plastik fuq l-ambjent u dwar impatti potenzjali fuq is-saħħa tal-bniedem tagħhom. Il-plastik jista' jkollu impatti fuq l-ambjent u s-saħħa tul il-katina kollha tal-produzzjoni, il-konsum u l-ġestjoni ta' tmiem il-ħajja; huwa għaldaqstant importanti li titqajjem sensibilizzazzjoni dwar l-impatti tal-plastik fuq is-saħħa u l-ambjent b'mod aktar wiesgħa, u mhux biss limitat għar-rimi mhux xieraq tal-iskart.*

**Emenda 463**
**Sirpa Pietikäinen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-impatt tat-tixrid taż-żibel u ta' rimi ieħor inadegwat tal-iskart ta' dawk il-prodotti u ta' dak l-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik, u b'mod partikolari fuq l-ambjent marin. | (b) l-impatt***, inklużi d-data u l-grafika,*** tat-tixrid taż-żibel u ta' rimi ieħor inadegwat tal-iskart ta' dawk il-prodotti u ta' dak l-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik, u b'mod partikolari fuq l-ambjent marin. |

Or. en

**Emenda 464**
**Lynn Boylan, Younous Omarjee, Kateřina Konečná**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-impatt ***tat-tixrid taż-żibel*** u ta' rimi ieħor inadegwat tal-iskart ta' dawk il-prodotti u ta' dak l-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik, u b'mod partikolari fuq l-ambjent marin. | (b) l-impatt ***tal-plastik*** u ta' rimi ieħor inadegwat tal-iskart ta' dawk il-prodotti u ta' dak l-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik, u b'mod partikolari fuq l-ambjent marin. |

Or. en

**Emenda 465**
**Piernicola Pedicini, Eleonora Evi, Laura Agea, Dario Tamburrano**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) il-preżenza ta' komponenti kimiċi li jissodisfaw il-karatteristiċi tal-Artikolu 57 tar-Regolament 1907/2006, jew li ġew identifikati b'mod konformi mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 59(1) tar-Regolament (UE) Nru 1907/2006, li jistabbilixxi l-lista tal-kandidati għas-sustanzi ta' tħassib serju ħafna (SVHC).*** |

Or. it

**Emenda 466**
**Margrete Auken**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li prodotti mestruwali riutilizzabbli jsiru disponibbli b'mod wiesgħa fit-territorju tagħhom, b'mod*** |

***partikolari fi stabbilimenti kbar tal-bejgħ bl-imnut u spiżeriji; u jwettqu miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni dwar alternattivi għal prodotti mestruwali li jintużaw darba biss, inkluż permezz ta' programmi tal-iskola***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Prodotti mestruwali huma meħtieġa għal nofs il-popolazzjoni tal-Ewropa biex wieħed jgħix ħajja diċenti. Billi l-faqar mestruwali qed jiżdied fl-Ewropa, in-nisa jeħtieġ li jiġu infurmati dwar l-alternattivi riutilizzabbli, li normalment jitħallsu bejn 6 sa 8 xhur, iżda anke li jkollhom dawn l-alternattivi disponibbli. Fil-maġġoranza tal-każijiet, dawn l-oġġetti mhumiex disponibbli fil-ħwienet, li jirriżulta biex ħafna tfajliet u nisa ma jkunux konxji li jeżistu alternattivi.*

**Emenda 467**
**Piernicola Pedicini, Eleonora Evi, Dario Tamburrano, Laura Agea**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) il-preżenza fil-prodott ta' sustanzi kimiċi ta' tħassib, bħal metalli perikolużi, ftalati, PFAS, bisfenoli, kif ukoll sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali u sustanzi oħra ta' tħassib serju ħafna (SVHC) skont ir-Regolament (UE) 1907/2006.*** |

Or. en

**Emenda 468**
**Massimo Paolucci, Simona Bonafè**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) l-impatt tar-rimi mhux adegwat*** |

| | |
|---|---|
| | ***tal-iskart ta' dawk il-prodotti fuq in-netwerk tad-drenaġġ.*** |

Or. it

**Emenda 469**
**Annie Schreijer-Pierik**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) l-impatt tar-rimi tal-iskart mhux xieraq ta' dawk il-prodotti fuq in-netwerk tad-drenaġġ.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*In-netwerk tad-drenaġġ mhux biss huwa mezz biex ċerti plastiks li jintużaw darba biss jispiċċaw fl-ambjent, iżda jsofri wkoll dannu ekonomiku sostanzjali mir-rimi mhux adegwat tal-iskart. Il-konsumaturi jeħtiġilhom ikunu konxji ta' dan. Is-settur tal-ilma nnifsu nieda għadd kbir ta' kampanji, iżda jeħtieġ li jsir aktar fuq il-livell tal-Unjoni u fl-Istati Membri.*

**Emenda 470**
**Margrete Auken**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bb) l-impatt tar-rimi tal-iskart mhux xieraq ta' dawk il-prodotti fuq in-netwerk tad-drenaġġ.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*In-netwerk tad-drenaġġ mhux biss huwa mezz potenzjali biex ċerti plastiks li jintużaw darba*

*biss jispiċċaw fl-ambjent, iżda jsofri wkoll dannu ekonomiku sostanzjali mir-rimi mhux adegwat tal-iskart. Il-konsumaturi jeħtiġilhom ikunu konxji ta' dan. Is-settur tal-ilma nnifsu nieda għadd kbir ta' kampanji, iżda hemm ħafna aktar x'irid isir f'dan il-qasam.*

**Emenda 471**
**Mark Demesmaeker**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fid-dawl taż-żieda fis-sensibilizzazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jinkoraġġixxu lill-produtturi jassoċjaw l-identità tad-ditta tagħhom ma' mudelli ta' negozju sostenibbli u ċirkolari u jużaw is-saħħa tagħhom fis-suq biex jippromwovu u jmexxu xejriet ta' konsum sostenibbli u ċirkolari.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Is-setgħa tal-kummerċjalizzazzjoni tista' tagħti kontribut sinifikanti għal żieda fis-sensibilizzazzjoni tal-konsumatur. Dan huwa rikonoxxut ukoll fir-Rapport fuq Inizjattiva Proprja tal-Parlament dwar Strateġija Ewropea għall-plastiks f'ekonomija ċirkolari.*

**Emenda 472**
**Lynn Boylan, Kateřina Konečná, Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom iwettqu miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni dwar alternattivi għal prodotti mestruwali li jintużaw darba biss, inkluż permezz ta' programmi tal-iskola.*** |

Or. en

**Emenda 473**
**Piernicola Pedicini, Eleonora Evi, Laura Agea, Dario Tamburrano**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li prodotti mestruwali riutilizzabbli jkunu disponibbli, b'mod partikolari fi stabbilimenti kbar tal-bejgħ bl-imnut u spiżeriji, u li jiġu implimentati miżuri li jqajmu s-sensibilizzazzjoni dwar alternattivi għal prodotti mestruwali li jintużaw darba biss, inkluż permezz ta' programmi tal-iskola.*** |

Or. en

**Emenda 474**
**Lynn Boylan, Younous Omarjee, Kateřina Konečná**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li prodotti mestruwali riutilizzabbli jsiru disponibbli b'mod wiesgħa fit-territorju tagħhom, b'mod partikolari fi stabbilimenti kbar tal-bejgħ bl-imnut u spiżeriji, kif ukoll fl-iskejjel.*** |

Or. en

**Emenda 475**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 10a*** |
| | ***Inizjattivi għat-tindif tat-tniġġis tal-plastik*** |
| | ***Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, sal-2022, programm iffinanzjat fil-livell Ewropew, f'kooperazzjoni mal-atturi nazzjonali u lokali, għat-tindif u għall-prevenzjoni tat-tniġġis tal-plastik fil-bliet, fil-kampanja, fl-ibħra, fuq il-bajjiet u fil-qigħan tal-baħar.*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, sal-2022, programm biex jitnaddaf l-iskart tal-plastik fl-ilmijiet internazzjonali, u għandha tippromwovi din l-inizjattiva fil-livell globali.*** |

Or. fr

**Emenda 476**
**Margrete Auken**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-miżuri li jieħdu l-Istati Membri biex jittrasponu u jimplimentaw l-Artikoli 4 sa 9 għandhom jikkonformaw mal-liġi tal-ikel tal-Unjoni biex jiżguraw li l-iġjene tal-ikel u s-sikurezza tal-ikel ma jiġux kompromessi. | Il-miżuri li jieħdu l-Istati Membri biex jittrasponu u jimplimentaw l-Artikoli 4 sa 9 għandhom jikkonformaw mal-liġi tal-ikel tal-Unjoni biex jiżguraw li l-iġjene tal-ikel u s-sikurezza tal-ikel ma jiġux kompromessi ***u mar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel u li jħassar id-Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE*. *Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jagħtu inċentiv għall-użu ta' alternattivi aktar sikuri għall-plastik bħal materjali "permanenti" u "inerti" bħall-ħġieġ jew materjali mhux miksija fejn possibbli, u sistemi ta' riutilizzazzjoni,*** |

| | |
|---|---|
| | ***skemi ta' rimborż tad-depożitu jew skemi simili.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni ppubblikat Pjan Direzzjonali fid-dawl ta' reviżjoni tar-Regolament attwali dwar il-Materjali f'Kuntatt mal-Ikel fit-28 ta' Novembru 2017. Jekk ir-Regolament jiġi rivedut fit-tieni trimestru tal-2019, kif indikat fil-Pjan Direzzjonali, referenza għal dan ir-Regolament tqis l-iżviluppi l-ġodda inklużi fir-Regolament potenzjalment rivedut.*

**Emenda 477**
**Lynn Boylan, Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-miżuri li jieħdu l-Istati Membri biex jittrasponu u jimplimentaw l-Artikoli 4 sa 9 għandhom jikkonformaw mal-liġi tal-ikel tal-Unjoni biex jiżguraw li l-iġjene tal-ikel u s-sikurezza tal-ikel ma jiġux kompromessi. | Il-miżuri li jieħdu l-Istati Membri biex jittrasponu u jimplimentaw l-Artikoli 4 sa 9 għandhom jikkonformaw mal-liġi tal-ikel tal-Unjoni biex jiżguraw li l-iġjene tal-ikel u s-sikurezza tal-ikel ma jiġux kompromessi. ***L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-użu ta' alternattivi sostenibbli u sikuri għall-plastik fejn possibbli għal materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel.*** |

Or. en

**Emenda 478**
**Jo Leinen, Carlos Zorrinho, Massimo Paolucci**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-esportazzjonijiet tal-materjali tal-iskart lejn pajjiżi terzi ma jżidux maż-żibel tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***plastik fil-baħar x'imkien ieħor.*** |

Or. en

**Emenda 479**
**Lukas Mandl**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***12 Artikolu 12*** | ***imħassar*** |
| ***Aċċess għall-ġustizzja*** | |
| ***1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew l-assoċjazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet jew il-gruppi tagħhom, skont il-leġiżlazzjoni jew il-prattika nazzjonali, ikollhom aċċess għal proċedura ta' reviżjoni f'qorti tal-ġustizzja jew f'korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi biex jikkontestaw il-legalità sostantiva jew proċedurali ta' deċiżjonijiet, azzjonijiet jew ommissjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Artikoli 5, 6, 7 u 8 meta tkun issodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:*** | |
| ***(a) ikollhom interess suffiċjenti;*** | |
| ***(b) isostnu li ġie kompromess xi dritt, meta l-liġi proċedurali amministrattiva ta' Stat Membru teħtieġ dan bħala prekondizzjoni.*** | |
| ***2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu f'liema stadju jistgħu jiġu kkontestati d-deċiżjonijiet, l-azzjonijiet jew l-omissjonijiet.*** | |
| ***3.*** | |
| ***Dak li jikkostitwixxi interess suffiċjenti u l-kompromess ta' dritt għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri, b'mod konsistenti mal-għan li lill-pubbliku konċernat jingħata aċċess liberu għall-*** | |

***ġustizzja.***

***Għal dan il-għan, l-interess ta' kull organizzazzjoni mhux governattiva li tippromwovi l-protezzjoni tal-ambjent u li tissodisfa kwalunkwe ħtieġa skont il-liġi nazzjonali għandu jitqies biżżejjed għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 1.***

***Dawn l-organizzazzjonijiet għandhom jitqiesu wkoll li għandhom drittijiet li huma kapaċi li jiġu mnaqqra għall-finijiet tal-punt (b) tal-paragrafu 1.***

***4. Il-paragrafi 1, 2 u 3 m'għandhomx jeskludu l-possibbiltà ta' proċedura ta' reviżjoni preliminari quddiem awtorità amministrattiva u m'għandhomx jaffettwaw ir-rekwiżit tal-eżawriment tal-proċeduri tar-reviżjoni amministrattiva qabel ir-rikors għall-proċeduri tar-reviżjoni ġudizzjarja, meta jeżisti dan ir-rekwiżit taħt il-liġi nazzjonali.***

***5. Kwalunkwe tali proċedura ta' reviżjoni kif imsemmija fil-paragrafi 1 u 4 għandha tkun ġusta, ekwa, f'waqtha u ma tkunx tiswa tant li tkun projbittiva.***

***6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni ssir disponibbli lill-pubbliku dwar l-aċċess għall-proċeduri amministrativi u tar-reviżjoni ġudizzjarja.***

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Id-Direttivi huma missjonijiet leġiżlattivi għall-Istati Membri. Hemm bżonn li ssir distinzjoni bejn il-kwistjonijiet ambjentali li l-NGOs ambjentali u ċ-ċittadini tal-UE jistgħu jfittxu għal danni u l-għanijiet li l-Istati Membri jistgħu jsegwu fil-mandat tagħhom.*

**Emenda 480**
**Margrete Auken**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew l-assoċjazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet jew il-gruppi tagħhom, skont il-leġiżlazzjoni jew il-prattika nazzjonali, ikollhom aċċess għal proċedura ta' reviżjoni f'qorti tal-ġustizzja jew f'korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi biex jikkontestaw il-legalità sostantiva jew proċedurali ta' deċiżjonijiet, azzjonijiet jew ommissjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Artikoli 5, 6, 7 u ***8*** meta tkun issodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin: | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew l-assoċjazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet jew il-gruppi tagħhom, skont il-leġiżlazzjoni jew il-prattika nazzjonali, ikollhom aċċess għal proċedura ta' reviżjoni f'qorti tal-ġustizzja jew f'korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi biex jikkontestaw il-legalità sostantiva jew proċedurali ta' deċiżjonijiet, azzjonijiet jew ommissjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Artikoli ***4,*** 5, 6, 7***, 8, 9*** u ***10*** meta tkun issodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*M'hemm l-ebda ġustifikazzjoni mogħtija biex tispjega għaliex l-Artikoli 4, 9 u 10 tħallew barra.*

**Emenda 481**
**Margrete Auken**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) id-data dwar il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti A tal-Anness li jkunu tqiegħdu fis-suq tal-Unjoni kull sena, sabiex jintwera t-tnaqqis fil-konsum skont l-Artikolu 4(1)***;*** | (a) id-data dwar il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti A***, C, D, E, F u G*** tal-Anness li jkunu tqiegħdu fis-suq tal-Unjoni kull sena, sabiex jintwera t-tnaqqis fil-konsum skont l-Artikolu 4(1) ***għal dawk l-oġġetti elenkati taħt il-Parti A u F, u biex jiġu stabbiliti linja ta' referenza u xejriet għall-oġġetti elenkati fil-Parti C, D, E u G*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li tinġabar data għall-prodotti tal-plastik kollha li jintużaw darba biss koperti mid-Direttiva sabiex tiġi pprovduta linja ta' referenza li tista' titkejjel għal reviżjonijiet futuri għad-Direttiva.*

**Emenda 482**
**Lynn Boylan, Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) id-data dwar il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti A tal-Anness li jkunu tqiegħdu fis-suq tal-Unjoni kull sena, sabiex jintwera t-tnaqqis fil-konsum skont l-Artikolu 4(1); | (a) id-data dwar il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti A tal-Anness li jkunu tqiegħdu fis-suq tal-Unjoni kull sena, sabiex jintwera t-tnaqqis fil-konsum skont l-Artikolu 4(1) ***għal dawk l-oġġetti elenkati taħt il-Parti A u F, u biex jiġu stabbiliti linja ta' referenza u xejriet għall-oġġetti elenkati fil-Parti C, D, E u G***; |

Or. en

**Emenda 483**
**Piernicola Pedicini, Eleonora Evi, Laura Agea, Dario Tamburrano**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) id-data dwar il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti A tal-Anness li jkunu tqiegħdu fis-suq tal-Unjoni kull sena, sabiex jintwera t-tnaqqis fil-konsum skont l-Artikolu 4(1); | (a) id-data dwar il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti A***, C, D, E, F u G*** tal-Anness li jkunu tqiegħdu fis-suq tal-Unjoni kull sena, sabiex jintwera t-tnaqqis fil-konsum skont l-Artikolu 4(1); |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri jenħtieġ li jirrapportaw id-data dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti kollha li huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva sabiex jivverifikaw l-impatt tad-Direttiva nfisha u jiffaċilitaw valutazzjonijiet futuri.*

**Emenda 484**
**Massimo Paolucci, Jytte Guteland**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-informazzjoni dwar ***il-miżuri*** meħuda mill-Istati Membri għall-finijiet tal-Artikolu 4(1). | (b) l-informazzjoni dwar ***il-pjanijiet u l-miżuri*** meħuda mill-Istati Membri għall-finijiet tal-Artikolu 4(1) ***u tal-Artikolu 8***. |

Or. it

**Emenda 485**
**Lynn Boylan, Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) l-informazzjoni dwar l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur stabbiliti mill-Istati Membri għall-finijiet tal-Artikolu 8 inklużi***<br>***(i) il-kwantità ta' prodotti mqiegħda fis-suq u l-flussi tal-iskart li jirriżultaw minnhom;***<br>***(ii) il-kontribuzzjoni finanzjarja mħallsa mill-produtturi ta' prodotti għal kull unità mibjugħa jew għal kull tunnellata ta' prodott imqiegħda fis-suq;***<br>***(iii) u l-punt sa fejn l-iskema(i) tnaqqas/inaqqsu l-ammont ta' plastik fl-iskart residwu.*** |

Or. en

**Emenda 486**
**Lynn Boylan, Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Id-data msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu għandha tiġi aġġornata kull sena fi żmien 12-il xahar minn tmiem is-sena ta' referenza li għaliha tinġabar. Fejn possibbli, is-servizzi ta' data ġeografika kif iddefiniti fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2007/2/KE għandhom jintużaw biex jippreżentaw dawk is-settijiet ta' dejta. | Id-data msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu għandha ***ssir disponibbli għall-pubbliku sa [id-data finali għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva] u*** tiġi aġġornata kull sena fi żmien 12-il xahar minn tmiem is-sena ta' referenza li għaliha tinġabar. Fejn possibbli, is-servizzi ta' data ġeografika kif iddefiniti fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2007/2/KE għandhom jintużaw biex jippreżentaw dawk is-settijiet ta' dejta. |

Or. en

**Emenda 487**
**Margrete Auken**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Id-data msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu għandha tiġi aġġornata kull sena fi żmien ***12-il xahar*** minn tmiem is-sena ta' referenza li għaliha tinġabar. Fejn possibbli, is-servizzi ta' data ġeografika kif iddefiniti fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2007/2/KE għandhom jintużaw biex jippreżentaw dawk is-settijiet ta' dejta. | Id-data msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu għandha tiġi aġġornata kull sena fi żmien ***6 xhur*** minn tmiem is-sena ta' referenza li għaliha tinġabar. Fejn possibbli, is-servizzi ta' data ġeografika kif iddefiniti fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2007/2/KE għandhom jintużaw biex jippreżentaw dawk is-settijiet ta' dejta. |

Or. en

**Emenda 488**
**Lynn Boylan, Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-format tas-sett ta' data, tal-informazzjoni u tad-data msemmija fil-paragrafu 1. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'mod konformi mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2). | 4. Il-Kummissjoni ***għandha*** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-format tas-sett ta' data, tal-informazzjoni u tad-data msemmija fil-paragrafu 1. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'mod konformi mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2). |

Or. en

**Emenda 489**
**Massimo Paolucci, Jytte Guteland, Simona Bonafè**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-format tas-sett ta' data, tal-informazzjoni u tad-data msemmija fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2). | 4. Il-Kummissjoni ***għandha*** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-format tas-sett ta' data, tal-informazzjoni u tad-data msemmija fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2). |

Or. it

**Emenda 490**
**Nicola Caputo**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati | L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati |

| | |
|---|---|
| skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali stipulati għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, sa … [sentejn (2) wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha dwar kull emenda sussegwenti li taffettwahom. | skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali stipulati għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi ***u għandhom ikunu jistgħu jwasslu għall-projbizzjoni tal-prodotti***. L-Istati Membri għandhom, sa … [sentejn (2) wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha dwar kull emenda sussegwenti li taffettwahom. |

Or. it

**Emenda 491**
**Margrete Auken**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva sa … ***[sitt*** snin wara d-data finali għat-trasposizzjoni ta' din id-Direttiva]. Din l-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-informazzjoni disponibbli skont l-Artikolu 13. Għall-finijiet tal-evalwazzjoni u tat-tħejjija tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jipprovdu kull informazzjoni addizzjonali meħtieġa lill-Kummissjoni. | 1. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva sa … ***[tliet*** snin wara d-data finali għat-trasposizzjoni ta' din id-Direttiva]. Din l-evalwazzjoni għandha ***tinkludi valutazzjoni tat-tibdil fil-materjali użati fil-prodotti koperti minn din id-Direttiva. Din għandha tinkludi analiżi ambjentali globali taċ-ċiklu tal-ħajja ta' dawk il-materjali u l-alternattivi li jirriżultaw. Din l-evalwazzjoni għandha*** tkun ibbażata fuq l-informazzjoni disponibbli skont l-Artikolu 13. Għall-finijiet tal-evalwazzjoni u tat-tħejjija tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jipprovdu kull informazzjoni addizzjonali meħtieġa lill-Kummissjoni. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Minħabba l-urġenza tal-problema, perjodu ta' żmien ta' tliet snin huwa xieraq. Huwa*

*essenzjali li jiġu promossi alternattivi attwali u li jiġi aċċertat li l-iżvilupp ta' materjali alternattivi ma jagħmilx ħsara lill-ambjent aktar mill-prodotti attwali. Analiżi bbażata fuq ix-xjenza tal-impatt dirett u indirett ta' alternattivi se twassal għal paragun preċiż tal-valutazzjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti kollha offruti.*

**Emenda 492**
**Anneli Jäätteenmäki, Nils Torvalds**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva sa … ***[sitt*** snin wara d-data finali għat-trasposizzjoni ta' din id-Direttiva]. Din l-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-informazzjoni disponibbli skont l-Artikolu 13. Għall-finijiet tal-evalwazzjoni u tat-tħejjija tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jipprovdu kull informazzjoni addizzjonali meħtieġa lill-Kummissjoni. | 1. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva sa … ***[tliet*** snin wara d-data finali għat-trasposizzjoni ta' din id-Direttiva]. Din l-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-informazzjoni disponibbli skont l-Artikolu 13. Għall-finijiet tal-evalwazzjoni u tat-tħejjija tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jipprovdu kull informazzjoni addizzjonali meħtieġa lill-Kummissjoni. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Minħabba li qed jidħlu fis-suq prodotti ġodda mingħajr kontenut ta' plastik, bħal tazzi tax-xorb, il-perjodu ta' reviżjoni jenħtieġ li jkun iqsar sabiex wieħed ikun jista' jadatta għal, jirrifletti u jinkoraġġixxi l-aħħar innovazzjonijiet fil-qasam.*

**Emenda 493**
**Piernicola Pedicini, Eleonora Evi, Laura Agea, Dario Tamburrano**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva sa … ***[sitt*** snin wara d-data finali għat-trasposizzjoni ta' din id-Direttiva]. Din l-evalwazzjoni | 1. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva sa … ***[erba'*** snin wara d-data finali għat-trasposizzjoni ta' din id-Direttiva]. Din l- |

| | |
|---|---|
| għandha tkun ibbażata fuq l-informazzjoni disponibbli skont l-Artikolu 13. Għall-finijiet tal-evalwazzjoni u tat-tħejjija tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jipprovdu kull informazzjoni addizzjonali meħtieġa lill-Kummissjoni. | evalwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-informazzjoni disponibbli skont l-Artikolu 13. Għall-finijiet tal-evalwazzjoni u tat-tħejjija tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jipprovdu kull informazzjoni addizzjonali meħtieġa lill-Kummissjoni. |

Or. it

**Emenda 494**
**Lynn Boylan, Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva sa … ***[sitt*** snin wara d-data finali għat-trasposizzjoni ta' din id-Direttiva]. Din l-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-informazzjoni disponibbli skont l-Artikolu 13. Għall-finijiet tal-evalwazzjoni u tat-tħejjija tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jipprovdu kull informazzjoni addizzjonali meħtieġa lill-Kummissjoni. | 1. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva sa … ***[erba'*** snin wara d-data finali għat-trasposizzjoni ta' din id-Direttiva]. Din l-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-informazzjoni disponibbli skont l-Artikolu 13. Għall-finijiet tal-evalwazzjoni u tat-tħejjija tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jipprovdu kull informazzjoni addizzjonali meħtieġa lill-Kummissjoni. |

Or. en

**Emenda 495**
**Lynn Boylan, Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Dak ir-rapport għandu jindika wkoll ***jekk:*** | 3. Dak ir-rapport għandu jindika ***jekk jeħtieġx li jiġi rrivedut l-Anness li jelenka prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss biex jinkludi*** wkoll ***oġġetti tal-plastik li jintużaw darba biss oħra.*** |

Or. en

**Emenda 496**
**Margrete Auken**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Dak ir-rapport għandu jindika wkoll jekk***:*** | 3. Dak ir-rapport għandu jindika wkoll jekk ***jeħtieġx li jiġi rivedut l-Anness li jelenka prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss;*** |

Or. en

**Emenda 497**
**Lynn Boylan, Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) jeħtieġx jiġi rivedut l-Anness li jelenka prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 498**
**Margrete Auken**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) jeħtieġx jiġi rivedut l-Anness li jelenka prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 499**
**Jo Leinen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jeħtieġx jiġi ***rivedut*** l-Anness li jelenka prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss; | (a) jeħtieġx jiġi ***estiż*** l-Anness li jelenka prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss***, b'mod partikolari għal prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma faċilment sostitwibbli jew evitabbli, anke jekk dawk il-prodotti ma jinstabux b'mod frekwenti fl-ambjent tal-baħar***; |

Or. en

**Emenda 500**
**Nils Torvalds, Anneli Jäätteenmäki**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jeħtieġx jiġi rivedut l-Anness li jelenka prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss; | (a) jeħtieġx ***li*** jiġi ***ddefinit mill-ġdid il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u jeħtieġx jiġi*** rivedut l-Anness li jelenka prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss; |

Or. en

**Emenda 501**
**Lynn Boylan, Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) huwiex fattibbli li jiġu stabbiliti miri kwantitattivi vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-konsum, b'mod partikolari, tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti A tal-Anness;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 502**
**Margrete Auken**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) huwiex fattibbli li jiġu stabbiliti miri kwantitattivi vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-konsum, b'mod partikolari, tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti A tal-Anness;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 503**
**Karl-Heinz Florenz, Annie Schreijer-Pierik, Peter Liese**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) huwiex fattibbli li jiġu stabbiliti miri kwantitattivi vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-konsum, b'mod partikolari, tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti A tal-Anness; | (b) huwiex fattibbli li jiġu stabbiliti miri kwantitattivi vinkolanti tal-Unjoni***, espressi f'numri assoluti,***għat-tnaqqis tal-konsum, b'mod partikolari, tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti A tal-Anness***, filwaqt li jitqies tnaqqis diġà miksub kif ukoll konsum baxx f'xi wħud mill-Istati Membri***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li jitqiesu t-tnaqqis diġà miksub kif ukoll konsum baxx ħafna fi Stat Membru meta jiġu stabbiliti l-miri għat-tnaqqis fil-konsum. Għalhekk, miri assoluti kif miftiehma fl-Artikolu 4(1a) fid-Direttiva dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ ("proposta dwar il-basktijiet tal-plastik") huma kkunsidrati bħala aktar xierqa minn miri relattivi.*

**Emenda 504**
**Massimo Paolucci, Jytte Guteland, Renata Briano, Jo Leinen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) huwiex fattibbli li jiġu ***stabbiliti miri*** kwantitattivi ***vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis*** tal-konsum***, b'mod partikolari, tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti A tal-Anness***; | (b) huwiex fattibbli li jiġu ***riveduti l-miri*** kwantitattivi ***tat-tnaqqis*** tal-konsum ***iddefiniti fl-Artikolu 4***; |

Or. it

**Emenda 505**
**Piernicola Pedicini, Eleonora Evi, Laura Agea, Dario Tamburrano**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) huwiex fattibbli li jiġu stabbiliti miri kwantitattivi vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-konsum***, b'mod partikolari,*** tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss ***elenkati*** fil-Parti A tal-Anness; | (b) huwiex fattibbli li jiġu stabbiliti miri kwantitattivi vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-konsum tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss ***u biex jiżdiedu l-miri tat-tnaqqis relatati mal-prodotti li jinsabu*** fil-Parti A tal-Anness; |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*Nipproponu li issa jiġu stabbiliti miri ta' tnaqqis tal-prodotti elenkati fil-Parti A tal-Anness, għalhekk, matul ir-rieżami tad-Direttiva, nitolbu li ssir valutazzjoni dwar jekk għandhomx jiġu stabbiliti miri ta' tnaqqis għal prodotti oħra li jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u li jiżdiedu l-miri ta' tnaqqis stabbiliti għall-prodotti fil-Parti A tal-Anness.*

**Emenda 506**
**Mark Demesmaeker**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) il-kamp ta' applikazzjoni jista' jitwessa' għal prodotti mhux tal-plastik li jintużaw darba biss li huma suxxettibbli li jintremew barra, filwaqt li jitqiesu prinċipji taċ-ċiklu tal-ħajja.*** |

Or. en

**Emenda 507**
**Jo Leinen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) jeħtieġx li l-Anness jiġi estiż għal prodotti mhux tal-plastik li jintużaw darba biss;*** |

Or. en

**Emenda 508**
**Margrete Auken**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt c**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***(c) sarx biżżejjed progress xjentifiku u tekniku, u kriterji jew standard għall-bijodegradabbiltà fl-ambjent marin applikabbli għal prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u jekk ġewx żviluppati s-sostituti tagħhom li jintużaw darba biss, sabiex jiġi ddeterminat liema prodotti m'għadx għandhom bżonn ikunu soġġetti għar-restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq, fejn xieraq.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 509**
**Lynn Boylan, Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt c**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***(c) sarx biżżejjed progress xjentifiku u tekniku, u kriterji jew standard għall-bijodegradabbiltà fl-ambjent marin applikabbli għal prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u jekk ġewx żviluppati s-sostituti tagħhom li jintużaw darba biss, sabiex jiġi ddeterminat liema prodotti m'għadx għandhom bżonn ikunu soġġetti għar-restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq, fejn xieraq.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 510**
**Massimo Paolucci, Jo Leinen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) sarx biżżejjed progress xjentifiku u tekniku, u kriterji jew standard għall-bijodegradabbiltà fl-ambjent marin applikabbli għal prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u jekk ġewx żviluppati s-sostituti tagħhom li jintużaw darba biss, sabiex jiġi ddeterminat liema prodotti m'għadx għandhom bżonn ikunu soġġetti għar-restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq, fejn xieraq.*** | ***imħassar*** |

Or. it

**Emenda 511**
**Simona Bonafè, Damiano Zoffoli, Soledad Cabezón Ruiz**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) sarx biżżejjed progress xjentifiku u tekniku, u kriterji jew standard għall-bijodegradabbiltà fl-ambjent marin applikabbli għal prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u jekk ġewx żviluppati s-sostituti tagħhom li jintużaw darba biss, sabiex jiġi ddeterminat liema prodotti m'għadx għandhom bżonn ikunu soġġetti għar-restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq, fejn xieraq.*** | ***imħassar*** |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*Fil-prinċipju, l-ebda prodott ieħor tal-plastik, minbarra x-xbieki tas-sajd, ma jenħtieġ li jiġi*

*rilaxxat fl-ambjent marin. Għal din ir-raġuni, qed jiġi mitlub li jiġi żviluppat standard tal-bijodegradabbiltà fil-baħar għax-xbieki u għall-irkaptu tas-sajd biss.*

**Emenda 512**
**Elisabetta Gardini, Alberto Cirio, Lorenzo Cesa, Massimiliano Salini, Stefano Maullu, Giovanni La Via**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) sarx biżżejjed progress xjentifiku u tekniku, u kriterji jew standard għall-bijodegradabbiltà fl-ambjent marin applikabbli għal prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u jekk ġewx żviluppati s-sostituti tagħhom li jintużaw darba biss, sabiex jiġi ddeterminat liema prodotti m'għadx għandhom bżonn ikunu soġġetti ***għar-restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq, fejn xieraq***. | (c) sarx biżżejjed progress xjentifiku u tekniku, u kriterji jew standard għall-bijodegradabbiltà fl-ambjent marin applikabbli għal prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u jekk ġewx żviluppati s-sostituti tagħhom li jintużaw darba biss, sabiex jiġi ddeterminat liema prodotti m'għadx għandhom bżonn ikunu soġġetti ***għat-tnaqqis fil-konsum***. |
| | ***Qabel ma jimplimentaw dak li huwa deskritt taħt l-ittra c), l-Istati Membri se jkollhom iwettqu u jevalwaw l-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali, inkluża valutazzjoni tal-elementi elenkati fl-Artikolu 4, paragrafu 0.1*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur tagħti inċentiv għall-prevenzjoni tal-iskart u l-innovazzjoni billi tappoġġja b'mod finanzjarju l-ġbir u s-separazzjoni, u għaldaqstant iżżid ir-rati ta' riċiklaġġ, u tagħti inċentiv għad-disinn għar-riċiklaġġ. Għalhekk, prodotti li jistgħu jirrappreżentaw kontribuzzjoni sinifikanti għar-riċiklaġġ u/jew mhumiex elenkati fost l-aktar 10 oġġetti li jinstabu fil-bajjiet (jiġifieri platti), jenħtieġ li jkunu soġġetti għal skemi EPR, aktar milli projbizzjonijiet. Dan jippromwovi sistema ta' premjazzjoni li tinkoraġġixxi l-innovazzjoni għar-riċiklaġġ.*

**Emenda 513**
**Giovanni La Via**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) sarx biżżejjed progress xjentifiku u tekniku, u kriterji jew standard għall-bijodegradabbiltà fl-ambjent marin applikabbli għal ***prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u jekk ġewx żviluppati s-sostituti tagħhom li jintużaw darba biss, sabiex jiġi ddeterminat liema prodotti m'għadx għandhom bżonn ikunu soġġetti għar-restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq, fejn xieraq***. | (c) sarx biżżejjed progress xjentifiku u tekniku, u kriterji jew standard għall-bijodegradabbiltà fl-ambjent marin applikabbli għal ***irkaptu tas-sajd***. |

Or. en

**Emenda 514**
**Karl-Heinz Florenz, Annie Schreijer-Pierik, Francesc Gambús, Birgit Collin-Langen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) sarx biżżejjed progress xjentifiku u tekniku, u kriterji jew standard għall-bijodegradabbiltà fl-ambjent marin applikabbli għal prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u jekk ġewx żviluppati s-sostituti tagħhom li jintużaw darba biss, ***sabiex jiġi ddeterminat liema prodotti m'għadx għandhom bżonn ikunu soġġetti għar-restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq, fejn xieraq***. | (c) sarx biżżejjed progress xjentifiku u tekniku, u kriterji jew standard għall-bijodegradabbiltà fl-ambjent marin applikabbli għal prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u jekk ġewx żviluppati s-sostituti tagħhom li jintużaw darba biss ***abbażi ta' ttestjar solidu fuq il-post f'kundizzjonijiet tal-ħajja marina reali u fejn il-bijodegradazzjoni tal-prodott tal-plastik jirriżulta f'diossidu tal-karbonju (CO2), bijomassa u ilma li huwa integrat mill-ġdid b'mod sħiħ fiċ-ċikli tal-karbonju u n-nitroġenu naturali mingħajr ma ssir ħsara lill-bilanċi tal-ekosistema***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li ma jingħatax is-sinjal ħażin lill-konsumaturi li t-tixrid taż-żibel ma jikkawżax problemi. Standard bijodegradabbli tal-baħar irid jissodisfa l-ogħla kriterji billi l-ambjent marin huwa sensittiv ħafna. Għalhekk, huwa importanti li jiġi żgurat li l-prodott tal-plastik jgħaddi minn bijodegradazzjoni kompleta u li ma jdumx wisq billi altrimenti fil-proċess tad-dekompożizzjoni f'partikoli żgħar tal-plastik issir ħsara lill-ħajja marina.*

**Emenda 515**
**Angélique Delahaye**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) sarx biżżejjed progress xjentifiku u tekniku, u kriterji jew standard għall-bijodegradabbiltà fl-ambjent marin ***applikabbli għal*** prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva ***u*** jekk ***ġewx żviluppati s-sostituti tagħhom*** li jintużaw darba biss***, sabiex jiġi ddeterminat liema prodotti m'għadx għandhom bżonn ikunu soġġetti għar-restrizzjonijiet*** fuq it-tqegħid fis-suq***, fejn xieraq***. | (c) sarx biżżejjed progress xjentifiku u tekniku, u ***ġewx żviluppati*** kriterji jew standard għall-bijodegradabbiltà fl-ambjent marin***, kif previst fl-Istrateġija tal-UE għall-plastiks, li jippermetti l-istabbiliment ta' standard għall-bijodegradazzjoni ta' ċerti*** prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss***,*** fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva***.*** Jekk ***dan ikun il-każ, il-prodotti tal-plastik*** li jintużaw darba biss ***u li jilħqu dan l-istandard jistgħu jiġu eżentati mill-projbizzjoni*** fuq it-tqegħid fis-suq. |

Or. fr

**Emenda 516**
**Piernicola Pedicini, Eleonora Evi, Laura Agea**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) sarx biżżejjed progress xjentifiku u tekniku, u kriterji jew standard għall-bijodegradabbiltà fl-ambjent marin applikabbli għal prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss fil-kamp ta' | (c) sarx biżżejjed progress xjentifiku u tekniku, u kriterji jew standard għall-bijodegradabbiltà fl-ambjent marin applikabbli għal prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss fil-kamp ta' |

applikazzjoni ta' din id-Direttiva u jekk ġewx żviluppati s-sostituti tagħhom li jintużaw darba biss***, sabiex jiġi ddeterminat liema prodotti m'għadx għandhom bżonn ikunu soġġetti għar-restrizzjonijiet*** fuq it-tqegħid fis-suq***, fejn xieraq***.

applikazzjoni ta' din id-Direttiva u jekk ġewx żviluppati s-sostituti tagħhom li jintużaw darba biss***. Dawn il-kriterji tal-bijodegradabbiltà fl-ambjent marin ma għandhomx japplikaw għall-prodotti elenkati fil-Parti B tal-Anness li diġà għaddew minn restrizzjonijiet*** fuq it-tqegħid fis-suq ***u li għalihom diġà hemm alternattivi disponibbli***.

Or. it

**Emenda 517**
**Claudiu Ciprian Tănăsescu**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) sarx biżżejjed progress xjentifiku u tekniku, u kriterji jew standard għall-bijodegradabbiltà fl-ambjent marin applikabbli għal prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u jekk ġewx żviluppati s-sostituti tagħhom li jintużaw darba biss, sabiex jiġi ddeterminat liema prodotti m'għadx għandhom bżonn ikunu soġġetti għar-restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq, fejn xieraq. | (c) sarx biżżejjed progress xjentifiku u tekniku, u kriterji jew standard għall-bijodegradabbiltà ***u għad-diżintegrazzjoni*** fl-ambjent marin applikabbli għal prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u jekk ġewx żviluppati s-sostituti tagħhom li jintużaw darba biss, sabiex jiġi ddeterminat liema prodotti m'għadx għandhom bżonn ikunu soġġetti għar-restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq, fejn xieraq. |

Or. en

**Emenda 518**
**Peter Liese**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) ġew żviluppati sostituti xierqa għal straws tal-plastik li jintużaw darba biss, sabiex jiġi determinat jekk jistgħux ikunu*** |

| | |
|---|---|
| | ***soġġetti għal restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq qabel l-1 ta' Jannar 2025*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Straws, ħlief straws maħsuba u użati għal finijiet mediċi għandhom jiġu koperti mill-Artikolu 7 dwar ir-rekwiżiti ta' mmarkar sakemm ikun hemm sostituti sodisfaċenti fis-suq, l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' dan il-prodott tal-plastik li jintuża darba biss mill-1 ta' Jannar 2025, soġġett għal reviżjoni.*

**Emenda 519**
**Simona Bonafè, Damiano Zoffoli, Soledad Cabezón Ruiz**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa (sa sentejn mid-data ta' skadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva) metodoloġija ta' valutazzjoni dwar l-effetti tar-rilaxx ta' materjali ta' skart tal-plastik, inkluż il-plastik bijodegradabbli, fl-ambjent, kemm tal-art kif ukoll marin. Abbażi tar-riżultati ta' din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni tista' tirrevedi l-lista ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss inkluża fl-Anness*** |

Or. it

**Emenda 520**
**Lynn Boylan, Younous Omarjee**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Kwalunkwe reviżjoni m'għandhiex tikkunsidra kriterji jew standards għall-*** |

***bijodegradabbiltà jew id-diżintegrazzjoni fl-ambjent marin ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss.***

Or. en

**Emenda 521**
**Massimo Paolucci, Jytte Guteland, Simona Bonafè**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 16a*** |
| | ***Eżerċizzju tad-delega*** |
| | ***1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.*** |
| | ***2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 7(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.*** |
| | ***3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 7(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità tal-ebda att delegat*** |

| | |
|---|---|
| | ***diġà fis-seħħ.*** |
| | ***4. Qabel l-adozzjoni ta' att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-esperti nominati minn kull Stat Membru b'mod konformi mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.*** |
| | ***5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. 6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 7(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.".*** |

Or. en

**Emenda 522**
**Seb Dance**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva sa … ***[sentejn (2)*** wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Dawn għandhom jibagħtu minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni. | L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva sa … ***[18-il xahar*** wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Dawn għandhom jibagħtu minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni. |

Or. en

**Emenda 523**
**Seb Dance**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Madankollu, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-miżuri neċessarji biex jikkonformaw mal-Artikoli 5 u 7(1) minn … ***[sentejn (2)*** wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u mal-Artikolu 6(1) minn …[3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. | Madankollu, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-miżuri neċessarji biex jikkonformaw mal-Artikoli 5 u 7(1) minn … ***[18-il xahar*** wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u mal-Artikolu 6(1) minn …[3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. |

Or. en

**Emenda 524**
**Françoise Grossetête, Michel Dantin, Angélique Delahaye**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Madankollu, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-miżuri neċessarji biex jikkonformaw mal-Artikoli 5 u 7(1) minn … [sentejn (2) wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u mal-Artikolu 6(1) minn ***…[3 snin*** wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. | Madankollu, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-miżuri neċessarji biex jikkonformaw mal-Artikoli 5 u 7(1) minn … [sentejn (2) wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u mal-Artikolu 6(1) minn ***…[5 snin*** wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa meħtieġ li jitħalla aktar żmien biex is-settur jadatta għal dan ir-regolament ġdid.*

**Emenda 525**
**Karl-Heinz Florenz, Annie Schreijer-Pierik, Francesc Gambús, Birgit Collin-Langen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Madankollu, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-miżuri neċessarji biex jikkonformaw mal-Artikoli 5 u 7(1) minn … [sentejn (2) wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u mal-Artikolu 6(1) minn ***…[3 snin*** wara d-dħul fis-seħħ ***ta' din id-Direttiva]***. | Madankollu, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-miżuri neċessarji biex jikkonformaw mal-Artikoli 5 u 7(1) minn … [sentejn (2) wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u mal-Artikolu 6(1) minn ***…[sentejn*** wara d-dħul fis-seħħ ***tal-istandard msemmi fl-Artikolu 6(3)]***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Wara l-iżvilupp ta' standard biex it-tappjiet u l-għotjien jibqgħu mwaħħla mal-kontenitur matul l-użu tal-prodott jieħu ż-żmien biex il-linji tal-produzzjoni teknika u l-proċeduri interni applikaw l-istandards.*

**Emenda 526**
**Massimo Paolucci, Simona Bonafè**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ***prinċipali*** tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva. | 2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva. ***Il-Kummissjoni għandha tivverifika li dawn id-dispożizzjonijiet ma jimponux ostakli mhux iġġustifikati għall-funzjonament tas-suq uniku.*** |

Or. it